PARLAMENT EWROPEW

2004 *2009*

Kumitat għall-Kultura u l-Edukazzjoni

PROVIŻORJU
2005/0260(COD)

1.8.2006

***I
ABBOZZ TA' RAPPORT

dwar il-proposta għal direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 89/552/KEE dwar il-koordinazzjoni ta' ċerti dispożizzjonijiet stabbiliti mil-liġi, minn regolamenti jew azzjoni amministrattiva fl-Istati Membri dwar l-eżerċizzju ta' l-attivitajiet tax-xandir televiżivi
(COM(2005)0646 – C6-0443/2005 – 2005/0260(COD))

Kumitat għall-Kultura u l-Edukazzjoni

Rapporteur: Ruth Hieronymi

Tifsira tas-simboli użati

*	Proċedura ta' Konsultazzjoni *maġġoranza tal-voti mitfugħa*
**I	Proċedura ta' Koperazzjoni (l-ewwel qari) *maġġoranza tal-voti mitfugħa*
**II	Proċedura ta' koperazzjoni (it-tieni qari) *maġġoranza tal-voti mitfugħa, sabiex tiġi approvata l-pożizzjoni komuni* *maġġoranza tal-Membri kollha tal-Parlament, sabiex tiġi miċħuda jew emendata l-pożizzjoni komuni*
***	Proċedura ta' kunsens *maġġoranza tal-Membri kollha tal-Parlament, apparti fil-każi msemmija fl-Artikoli 105, 107, 161 u 300 tat-Trattat KE u fl-Artikolu 7 tat-Trattat UE*
***I	Proċedura ta' Kodeċiżjoni (l-ewwel qari) *maġġoranza tal-voti mitfugħa*
***II	Proċedura ta' koperazzjoni (it-tieni qari) *maġġoranza tal-voti mitfugħa, sabiex tiġi approvata l-pożizzjoni komuni* *maġġoranza tal-Membri kollha tal-Parlament, sabiex tiġi miċħuda jew emendata l-pożizzjoni komuni*
***III	Proċedura ta' kodeċiżjoni (it-tielet qari) *maġġoranza tal-voti mitfugħa, sabiex jiġi approvat it-test konġunt*

(Dan it-tip ta' proċedura jiddependi mill-bażi legali proposta mill-Kummissjoni.)

Emendi għal test leġiżlattiv

Fl-emendi li jsiru mill-Parlament, it-test emendat huwa indikat b' tipa ***qawwija korsiva.*** Test *korsiv normali* huwa indikazzjoni għas-servizzi tekniċi li turi partijiet tat-test leġiżlattiv li għalihom qed tkun proposta korrezzjoni bl-iskop li tgħin fil-preparazzjoni tat-test finali (pereżempju, żbalji ovvji jew nuqqasijiet f'verżjoni lingwistika minnhom). Il-korrezzjonijiet proposti huma suġġetti għall-qbil tas-servizzi tekniċi involuti.

WERREJ)

Paġna

ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW 5

NOTA SPEGATTIVA 44

ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW

dwar il-proposta għal direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 89/552/KEE dwar il-koordinazzjoni ta' ċerti dispożizzjonijiet stabbiliti mil-liġi, minn regolamenti jew azzjoni amministrattiva fl-Istati Membri dwar l-eżerċizzju ta' l-attivitajiet tax-xandir televiżivi
(COM(2005)0646 – C6-0443/2005 – 2005/0260(COD))

(Proċedura ta' kodeċiżjoni: l-ewwel qari)

Il-Parlament Ewropew,

– wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2005)0646)[1],

– wara li kkunsidra l-Artikolu 251(2), l-Artikolu 47(2) u l-Artikolu 55 tat-Trattat KE, skond liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta tal-Kummissjoni (C6-0443/2005),

– wara li kkunsidra l-Artikolu 51 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

– wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kultura u l-Edukazzjoni kif ukoll il-pożizzjonijiet tal-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji, il-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija, il-Kumitat għas-Suq Intern u l-Ħarsien tal-Konsumatur, il-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern u l-Kumitat għad-Drittijiet tan-Nisa u l-Ugwaljanza bejn is-Sessi (A6-0000/2006),

1. Japprova l-proposta tal-Kummissjoni kif emendata;

2. Jitlob lill-Kummissjoni biex terġa' tirreferi l-proposta lill-Parlament jekk ikollha l-ħsieb li temenda l-proposta b'mod sustanzjali jew li tibdilha b'test ġdid;

3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

Proposta tal-Kummissjoni	Emendi tal-Parlament
	Emenda 1 PREMESSA 1
(1) Id-Direttiva 89/552/KEE tikkordina ċerti dispożizzjonijiet stabbiliti mil-liġi, minn regolamenti u minn azzjoni amministrattiva fl-Istati Membri dwar l-eżerċitazzjoni ta' attivitajiet tax-xandir televiżivi. In Anbetracht der neuen	(1) Id-Direttiva 89/552/KEE tikkordina ċerti dispożizzjonijiet stabbiliti mil-liġi, minn regolamenti u minn azzjoni amministrattiva fl-Istati Membri dwar l-eżerċitazzjoni ta' attivitajiet tax-xandir televiżivi. Madanakollu, teknoloġiji ġodda

[1] Għadha mhux ippublikata fil-ĠU.

Übertragungstechniken für audiovisuelle Mediendienste ist es notwendig geworden, den geltenden Rechtsrahmen anzupassen, um den Auswirkungen des Strukturwandels und der technologischen Entwicklungen auf die Geschäftsmodelle und insbesondere auf die Finanzierung des gewerblichen Rundfunks Rechnung zu tragen und optimale Wettbewerbsbedingungen für die europäischen Unternehmen und Dienste im Bereich der Informationstechnologien und der Medien zu schaffen.

fix-xandir tas-servizzi tal-midja awdjoviżivi jeħtieġu adattament tal-qafas regolatorju sabiex jikkunsidraw l-impatt tal-bidla strutturali u l-iżviluppi teknoloġiċi fuq mudelli tal-kummerċ, speċjalment l-iffinanzjar tax-xandir kummerċjali, u biex jiżguraw l-aħjar kundizzjonijiet ta' kompetittività ***u ċertezza legali*** għall-industriji u s-servizzi Ewropej fil-qasam tat-teknoloġiji ta' informazzjoni u l-midji.

Ġustifikazzjoni

In-nuqqas ta' ċertezza legali fis-suq ta' servizzi tal-midja awdjoviżivi ġodda jagħmilha aktar diffiċli li l-potenzjal ekonomiku jiġi sfruttat.

Emenda 2
PREMESSA 2

(2) Die Rechts- und Verwaltungsvorschriften der Mitgliedstaaten über die Ausübung der Fernsehtätigkeit werden bereits durch die Richtlinie 89/552/EWG koordiniert, wogegen die Vorschriften über andere Tätigkeiten wie die auf Abruf bereitgestellten ***audiovisuellen*** Mediendienste ***Unterschiede aufweisen, von denen einige*** den freien Dienstleistungsverkehr innerhalb der Europäischen Union ***behindern*** und den Wettbewerb innerhalb des Gemeinsamen Marktes verzerren ***könnten***. ***Insbesondere haben die Mitgliedstaaten nach Artikel 3 Absatz 4 der Richtlinie 2000/31/EG die Möglichkeit, aus ordnungspolitischen Gründen vom Herkunftslandprinzip abzuweichen.***

(2) Il-liġijiet, ir-regolamenti amministrattivi ta' l-Istati Membri dwar l-eżerċitazzjoni ta' l-attivitajiet televiżivi huma diġà kkordinati mid-Direttiva 89/552/KEE, filwaqt li r-regolamenti dwar l-attivitajiet bħal dawk tas-servizzi tal-midja li jingħataw fuq talba (on-demand) ***huma kkordinati biss fil-livell ta' distribuzzjoni permezz tad-Direttiva Qafas 2002/21/KE u fil-livell ta' l-iskambju permezz tad-Direttiva 2000/31/KE għall-kummerċ elettroniku; rekwiżiti fir-rigward tal-kontenut tal-midja awdjoviżiva ġdida għadhom koperti mil-leġiżlazzjoni ta' l-Istati Membri. Uħud minn dawn id-diverġenzi jxekklu*** l-moviment ħieles madwar l-Unjoni Ewropea u ***jistgħu*** jfixklu l-kompetizzjoni fis-suq komuni.

Ġustifikazzjoni

In-nuqqas ta' ċertezza legali hija primarjament ir-riżultat ta' demarkazzjoni legali insuffiċjenti tas-servizzi tal-midja awdjoviżivi ġodda fil-konfront tal-liġi Ewropea dwar it-

telekomunikazzjoni u d-direttiva dwar l-eCommerce.

Emenda 3
PREMESSA 3

(3) Die große Bedeutung der audiovisuellen Mediendienste für die Gesellschaften, die Demokratie und die Kultur ***rechtfertigt*** die Anwendung besonderer Vorschriften auf diese Dienste.	(3) ***Il-midja awdjoviżiva hija kemm oġġett kulturali kif ukoll ekonomiku.*** L-importanza tas-servizzi tal-midja awdjoviżivi għas-soċjetajiet, id-demokrazija u l-kultura, ***b'mod partikolari biex jiġu ssalvagwardjati l-libertà ta' l-informazzjoni, id-diversità ta' opinjoni u l-pluraliżmu fil-midja skond l-Artikolu 11 tal-Karta dwar id-Drittijiet Fundamentali ta' l-Unjoni Ewropea u l-Artikolu 151(2), subparagrafu 4 tat-Trattat KE, tiġġustifika*** l-applikazzjoni ta' dispożizzjonijiet speċifiċi għal dawn is-servizzi.

Ġustifikazzjoni

Il-mudell tal-midja Ewropew huwa bbażat fuq il-prinċipju li l-midja hija oġġett kulturali kif ukoll ekonomiku, u d-direttiva għalhekk għandha tikkunsidra ż-żewġ kriterji, kif fil-fatt diġà ġara fil-leġiżlazzjoni preċedenti fuq il-bażi tat-Trattati Ewropej.

Emenda 4
Premessa 3.000000 a (ġdida)

	(3a) Fir-Riżoluzzjonijiet tal-Parlament Ewropew ta' l-1 ta' Diċembru 2005 u ta' l-4 ta' April dwar in-Negozjati Doha u dwar il-Konferenzi Ministerjali tad-WTO, il-Parlament Ewropew qed jitlob li servizzi pubbliċi bażiċi, bħas-saħħa, l-edukazzjoni u s-servizzi awdjoviżivi jiġu eskluż mill-liberalizzazzjoni fil-qafas tan-negozjati tal-Ftehim Ġenerali dwar in-Negozju fis-Servizzi (GATS). Fir-Riżoluzzjoni leġiżlattiva tiegħu tas-27 ta' April 2006, il-Parlament jappoġġja l-Konvenzjoni ta' l-UNESCO dwar il-Ħarsien tad-Diversità Kulturali, u b'mod partikolari jistabbilixxi li l-attivitajiet kulturali, il-prodotti u s-servizzi huma kemm ta' natura

ekonomika kif ukoll kulturali, għaliex iġorru l-identità, il-valuri u s-sens, u għalhekk m'għandhomx jiġu kkunsidrati biss bħala ta' valur kummerċjali'.

Ġustifikazzjoni

Fuq il-bażi tal-liġi Ewropea, l-UE u l-Istati Membri talbu li l-irwol speċjali tal-prodotti awdjoviżivi jiġi kkunsidrat fin-negozjati tal-GATS u tad-WTO u fit-tfassil u t-teħid ta' deċiżjonijiet tal-Konvenzjoni ta' l-UNESCO.

Emenda 5
PREMESSA 4

(4) Traditionelle audiovisuelle Mediendienste und neu aufkommende Abrufdienste bieten erhebliche Beschäftigungsmöglichkeiten in der Gemeinschaft, vor allem in kleinen und mittleren Unternehmen, und regen Wirtschaftswachstum und Investitionstätigkeit an.	(4) Servizzi tal-midja awdjoviżivi tradizzjonali - bħat-televixin - u servizzi tal-midja awdjoviżivi fuq talba emerġenti joffru opportunitajiet ta' impieg sinifikanti, b'mod partikolari f'intrapriżi żgħar u medji, u jistimulaw it-tkabbir ekonomiku u l-investiment.

Ġustifikazzjoni

Enfasi fuq l-importanza tas-suq intern għall-opportunitajiet ta' żvilupp tas-servizzi tal-midja awdjoviżivi ġodda.

Emenda 6
PREMESSA 5

(5) Intrapriżi Ewropej li jipprovdu servizzi tal-midja awdjoviżivi bħalissa jbatu minn nuqqas ta' ċertezza legali u kundizzjonijiet ta' kompetizzjoni li mhumiex ibbilanċjati għal kulħadd fir-rigward tal-qafas legali li jirregola s-servizzi ġodda fuq talba. Deshalb ist es notwendig, zumindest bestimmte gemeinsame Grundvorschriften auf alle audiovisuellen Mediendienste anzuwenden, um einerseits Wettbewerbsverzerrungen zu vermeiden und andererseits die Rechtsicherheit zu verbessern.	(5) Intrapriżi Ewropej li jipprovdu servizzi tal-midja awdjoviżivi bħalissa jbatu minn nuqqas ta' ċertezza legali u kundizzjonijiet ta' kompetizzjoni li mhumiex ibbilanċjati għal kulħadd fir-rigward tal-qafas legali li jirregola s-servizzi ġodda fuq talba. Għalhekk huwa neċessarju, għall-inqas li ċerti prinċipji bażiċi komuni jiġu applikati għas-servizzi tal-midja awdjoviżivi, ***irrespettivament jekk dawn jiġux imxandra skond skema ta' programmi fissa jew fuq talba,*** sabiex minn naħa waħda jiġi evitat żbilanċ fis-suq u min-naħa l-oħra tiżdied iċ-ċertezza legali. ***Il-prinċipji bażiċi tad-direttiva "Televiżjoni***

mingħajr fruntieri" - il-Prinċipju tal-Pajjiż ta' Trażmissjoni u Standards Minimi Komuni - taw prova tal-validità tagħhom u għandhom għalhekk jinżammu.

Ġustifikazzjoni

Kjarifikazzjoni tas-servizzi tal-midja kkonċernati u tal-konsegwenzi tas-suċċess tad-direttiva dwar it-televiżjoni.

Emenda 7
PREMESSA 7

(7) Il-Kummissjoni adottat l-Inizjattiva "i2010 - Soċjetà Ewropea ta' l-Informazzjoni", sabiex iżżid it-tkabbir u l-impiegi fis-soċjetà ta' l-informazzjoni. Il-kunċett ta' l-i2010 huwa strateġija komprensiva li għandha l-għan li tinkuraġġixxi l-iżvilupp ta' l-ekonomija diġitali permezz ta' modernizzazzjoni u l-introduzzjoni ta' l-istrumenti kollha tal-politika ta' l-UE (l-istrumenti regolatorji, ir-riċerka u s-sħubija ma' l-industrija) quddiem sfond ta' konverġenza ta' servizzi ta' informazzjoni u tal-midja, netwerks u għodod tal-midja. Die Kommission hat sich vorgenommen, einheitliche Rahmenbedingungen für den Binnenmarkt im Bereich der Informationsgesellschaft und der Mediendienste zu schaffen und den Rechtsrahmen für audiovisuelle Dienste zu modernisieren. Der erste Schritt dazu war ein Kommissionsvorschlag von 2005 zur Überarbeitung der Richtlinie „Fernsehen ohne Grenzen“.	(7) Il-Kummissjoni adottat l-Inizjattiva "i2010 - Soċjetà Ewropea ta' l-Informazzjoni", sabiex iżżid it-tkabbir u l-impiegi fis-soċjetà ta' l-informazzjoni. Il-kunċett ta' l-i2010 huwa strateġija komprensiva li għandha l-għan li tinkuraġġixxi l-iżvilupp ta' l-ekonomija diġitali permezz ta' modernizzazzjoni u l-introduzzjoni ta' l-istrumenti kollha tal-politika ta' l-UE (l-istrumenti regolatorji, ir-riċerka u s-sħubija ma' l-industrija) quddiem sfond ta' konverġenza ta' servizzi ta' informazzjoni u tal-midja, netwerks u għodod tal-midja. Il-Kummissjoni kkommettiet ruħha li toħloq qafas ta' kundizzjonijiet uniformi għas-suq intern fil-qasam ***tas-servizzi*** tas-soċjetà ta' l-informazzjoni u tal-midja u li timmodernizza l-qafas legali għas-servizzi awdjoviżivi. L-ewwel pass għal dan kienet proposta tal-Kummissjoni ta' l-2005 biex tiġi rriveduta d-Direttiva "Televiżjoni mingħajr Fruntieri" ***u din issir "Direttiva dwar is-servizzi tal-midja awdjoviżivi".***

Ġustifikazzjoni

L-għan tar-reviżjoni għandu jiġi ddikjarat.

Emenda 8
PREMESSA 8

(8) Fis-6 ta' Settembru 2005 l-Parlament Ewropew adotta riżoluzzjoni dwar l-applikazzjoni ta' l-Artikoli 4 u 5 tad-Direttiva 89/552/KEE, kif emendata mid-Direttiva 97/36/KE, għall-perjodu 2001-2002 (Rapport Weber). In dieser Entschließung verlangt ***es*** die Anpassung der derzeitigen Fernsehrichtlinie an die strukturellen Veränderungen und an die technologischen Entwicklungen unter vollständiger Wahrung der ihr zugrunde liegenden Grundsätze, die weiterhin gültig bleiben. Barra minn hekk, huwa jappoġġja bħala prinċipju l-kunċett ta' l-introduzzjoni ta' regolamenti bażiċi għas-servizzi tal-midja awdjoviżivi kollha u dispożizzjonijiet addizzjonali għas-servizzi lineari (tax-xandir).	(8) Fis-6 ta' Settembru 2005 l-Parlament Ewropew adotta riżoluzzjoni dwar l-applikazzjoni ta' l-Artikoli 4 u 5 tad-Direttiva 89/552/KEE, kif emendata mid-Direttiva 97/36/KE, għall-perjodu 2001-2002 (Rapport Weber). F'din ir-riżoluzzjoni, ***l-istess bħal fir-Riżoluzzjonijiet ta' l-4 ta' Settembru 2003 u tat-22 ta' April 2004, il-Parlament Ewropew jitlob*** li d-direttiva preżenti dwar it-televiżjoni tiġi adattata għall-bidliet strutturali u l-iżviluppi teknoloġiċi filwaqt li l-prinċipji bażiċi tagħha jibqgħu jiġu rispettati kompetament u jibqgħu validi. Barra minn hekk, huwa jappoġġja bħala prinċipju l-kunċett ta' l-introduzzjoni ta' regolamenti bażiċi għas-servizzi tal-midja awdjoviżivi kollha u dispożizzjonijiet addizzjonali għas-servizzi lineari (tax-xandir).
	Ġustifikazzjoni
	Il-Parlament Ewropew ilu ħafna żmien jitlob li ssir b'urġenza r-reviżjoni neċessarja tad-direttiva ta' l-UE dwar it-televiżjoni .
	Emenda 9 PREMESSA 10
(10) Minħabba l-introduzzjoni ta' numru minimu ta' obbligi armonizzati fl-Artikoli 3c sa 3h, Stati Membri ma jistgħux jevitaw aktar il-prinċipju tal-pajjiż ta' oriġini fl-oqsma armonizzati ta' din id-direttiva fuq l-argument ta' protezzjoni tal-minuri u l-ġlieda kontra t-tixwix għall-mibegħda fuq il-bażi ta' razza, sess, reliġjon jew nazzjonalità, u l-vjolazzjoni tad-dinjità tal-bniedem fir-rigward ta' persuni individwali jew il-ħarsien tal-konsumatur skond l-Artikolu 3(4) tad-Direttiva 2000/13/KE tal-Parlament u l-Kunsill.	(10) Minħabba l-introduzzjoni ta' numru minimu ta' obbligi armonizzati fl-Artikoli 3c sa 3h, Stati Membri ma jistgħux jevitaw aktar il-prinċipju tal-pajjiż ta' oriġini fl-oqsma armonizzati ta' din id-direttiva fuq l-argument ta' protezzjoni tal-minuri u l-ġlieda kontra t-tixwix għall-mibegħda fuq il-bażi ta' razza, sess, reliġjon jew nazzjonalità, u l-vjolazzjoni tad-dinjità tal-bniedem fir-rigward ta' persuni individwali jew il-ħarsien tal-konsumatur skond l-Artikolu 3(4) tad-Direttiva 2000/13/KE tal-Parlament u l-Kunsill. ***Fir-rigward tal-qasam armonizzat minn din id-direttiva, li jittratta l-protezzjoni tal-minuri, id-dinjità tal-bniedem u l-konsumatur, l-eċċezzjoni skond l-Artikolu 3(5) tad-Direttiva***

2000/31/KE tista' tiġi applikata biss għall-każijiet partikolarment serji u urġenti ta' vjolazzjoni skond l-Artikolu 3e ta' din id-direttiva - it-tixwix għall-mibegħda.

Ġustifikazzjoni

F'każijiet partikolment serji u urġenti għandha tkun disponibbli proċedura speċjali b'urġenza għas-servizzi mhux lineari kif diġà teżisti għat-televiżjoni.

Emenda 10
PREMESSA 11

(11) Die Richtlinie 2002/21/EG des Europäischen Parlaments und des Rates lässt gemäß deren Artikel 1 Absatz 3 alle Maßnahmen unberührt, die von der Gemeinschaft oder den Mitgliedstaaten im Interesse der Allgemeinheit insbesondere in Bezug auf die Regulierung der Inhalte und die Politik im audiovisuellen Bereich getroffen werden.	(11) Id-Direttiva 2002/21/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ***(Direttiva qafas) ħolqot qafas ta' regolamenti uniformi għan-netwerks u s-servizzi kollha tax-xandir,*** skond l-Artikolu 1(3) tagħha hija ***madanakollu*** mingħajr ħsara għall-miżuri li ttieħdu f'livell Komunitarju u nazzjonali fl-interess tal-Komunità, b'mod partikolari fir-rigward tar-regolazzjoni tal-kontenut u l-politika fil-qasam awdjoviżiv, ***sabiex ir-regolament dwar ix-xandir ikun separat mir-regolament dwar il-kontenut***.

Ġustifikazzjoni

Dimarkazzjoni bejn id-direttiva u l-liġi Ewropea dwar it-telekomunikazzjoni.

Emenda 11
Premessa 11 a (ġdida)

	(11a) Id-Direttiva 2000/31/KE (id-Direttiva dwar l-eCommerce) ma tinkludix dispożizzjonijiet speċifiċi għas-servizzi tal-midja awdjoviżivi u tħalli f'idejn l-Istati Membri l-possibilità ta' deroga mill-prinċipju tal-pajjiż ta' oriġini fuq il-bażi ta' kull każ partikolari għall-kwistjonijiet speċifiċi ta' interess ġenerali u skond proċedura ta' notifikazzjoni. Filwaqt li teħtieġ standards minimi addizzjonali għall-midja awdjoviżiva mhux lieari fir-rigward tal-protezzjoni tal-

	minuri u l-promozzjoni tad-diversità kulturali, id-direttiva testendi l-kamp ta' applikazzjoni tal-liġi Komunitarja armonizzata. Għal dan il-għan id-direttiva tibni fuq id-Direttiva 2000/31/KE f'dawn l-oqsma għal sottogrupp speċifiku ta' servizzi tal-midja awdjoviżivi mhux lineari, li huma ta' importanza speċjali għas-soċjetà u li huma kkaratterizzati mid-dimensjoni kulturali tagħhom. Għal dawn is-servizzi l-livell ta' kordinazzjoni ta' regoli nazzjonali huwa ogħla u s-suq intern huwa aktar komplet.

Ġustifikazzjoni

Dimarkazzjoni bejn id-direttiva u d-Direttiva dwar l-eCommerce, li fuqha d-direttiva l-ġdida tibni b'mod sistematiku.

Emenda 12
PREMESSA 12

(12) Durch diese Richtlinie werden die Mitgliedstaaten weder verpflichtet noch ermuntert, neue Lizenz- oder Genehmigungsverfahren im ***Medienbereich*** einzuführen.	(12) Permezz ta' din id-direttiva l-Istati Membri ma huma la obbligati u lanqas inkuraġġiti li jintroduċu proċeduri ġodda ta' liċenzji jew permessi ***fil-qasam tal-midja awdjoviżiva***.

Ġustifikazzjoni

Kjarifikazzjoni

Emenda 13
PREMESSA 13

(13) Der Begriff der audiovisuellen Mediendienste erfasst alle Dienste der audiovisuellen Massenmedien, unabhängig davon, ob ***diese nach Programmplan oder auf Abruf bereitgestellt werden***. Er umfasst jedoch nur Dienstleistungen, wie sie im EG-Vertrag festgelegt sind, und daher alle Arten wirtschaftlicher Tätigkeiten, auch die öffentlich-rechtlicher Unternehmen, ***gilt jedoch nicht für nicht-***	(13) Il-kunċett tal-midja awdjoviżiva jiġbor fih is-servizzi kollha tal-midja tal-massa awdjoviżiva, independentement minn ***jekk l-attività editorjali u r-responsabilità tal-fornitur tiħux forma ta' pjan ta' programm jew katalogu ta' għażla.*** Madanakollu huwa limitat għas-servizzi kif inhuma stabbiliti fit-Trattat UE, u għalhekk ikopri kull tip ta' attività ekonomika, anke l-intrapriżi pubbliċi. ***Attivitajiet ekonomiċi***

wirtschaftliche Tätigkeiten, wie z. B. rein private Webseiten.	***huma pprovduti normalment bi ħlas u huma bbażati fuq ċertu tul ta' żmien u sostenibilità; id-definizzjoni ssegwi l-kriterji u r-regoli tal-pajjiż ta' oriġini. Konsegwentement, attivitajiet mhux kummerċjali, bħal pereżempju, "blogs" u kontenuti ġġenerati mingħajr skop kummerċjali u l-forom kollha ta' komunikazzjoni privata bħall-e-mails jew websajts privati ma jaqgħux fil-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-direttiva.***

Ġustifikazzjoni

Dimarkazzjoni tas-servizzi tal-midja awdjoviżivi fuq il-bażi tar-responsabilità editorjali u l-elementi kummerċjali.

Emenda 14
PREMESSA 14

(14) Der Begriff der audiovisuellen Mediendienste umfasst die Massenmedien in ihrer informierenden, unterhaltenden und bildenden Funktion, ***schließt aber alle Formen privater Korrespondenz, z. B. an eine begrenzte Anzahl von Empfängern versandte elektronische Post, aus.*** Die Begriffsbestimmung schließt ***ebenfalls*** alle Dienste aus, die nicht der Verbreitung audiovisueller Inhalte dienen, d. h. bei denen audiovisuelle Inhalte lediglich eine ***Nebenerscheinung darstellen*** und nicht Hauptzweck der Dienste sind. Eżempji huma l-offerti fuq l-internet li jinkludu elementi awdjoviżivi sempliċement b'mod kumplimentari, pereżempju, elementi grafiċi ta' animazzjoni, riklami żgħar jew informazzjoni dwar prodott jew servizzi mhux awdjoviżivi.	(14) Il-kunċett tas-servizzi awdjoviżivi jinkludi l-midja tal-massa fil-funzjoni tagħha ta' informazzjoni, tratteniment u edukazzjoni. Id-definizzjoni tal-kunċett teskludi s-servizzi kollha li ma jservux għat-tixrid ta' kontenut awdjoviżiv, jiġifieri, fejn il-kontenut awdjoviżiv ***għandu biss funzjoni subordinata*** u mhuwiex l-iskop prinċipali tas-servizzi. Eżempji huma l-offerti fuq l-internet li jinkludu elementi awdjoviżivi sempliċement b'mod kumplimentari, pereżempju, elementi grafiċi ta' animazzjoni, riklami żgħar jew informazzjoni dwar prodott jew servizzi mhux awdjoviżivi. ***Eżempju ieħor huwa l-logħob fuq l-internet, sakemm l-iskop prinċipali ma jkunx is-servizz tal-midja awdjoviżiv; dan jgħodd ukoll għas-"search engines".*** *It-tixrid ta' offerti awdjovizivi ma jkunx l-iskop prinċipali wkoll jekk ir-riżultat okkażjonali tat-tiftix ikun offerta awdjoviżiva.*

Ġustifikazzjoni

Dimarkazzjoni tas-servizzi tal-midja awdjoviżivi fuq il-bażi tal-linji gwida dwar il-kontenut.

Emenda 15
PREMESSA 15

(15) Din id-direttiva ma tkoprix it-tixrid ta' gazzetti u magazins f'verżjoni elettronika.	(15) Din id-direttiva ma tkoprix it-tixrid ta' gazzetti u magazins f'verżjoni elettronika. ***Skond id-Direttiva 2000/31/KE anki logħob ta' l-azzard huwa esklużż.***

Ġustifikazzjoni

Kjarifikazzjoni li dawn is-servizzi, li l-iskop prinċipali tagħhom mhuwiex it-tixrid ta' servizzi awdjoviżivi, jiġu esklużi mill-kamp ta' applikazzjoni tad-direttiva.

Emenda 16
PREMESSA 16

(16) ***Der*** Begriff „audiovisuell“ ***bezieht sich*** auf bewegte Bilder mit oder ohne Ton; er erfasst somit Stummfilme, nicht aber Tonübertragungen oder ***den*** Hörfunk.	(16) ***Għall-iskopijiet ta' din id-direttiva l-kunċett*** "awdjoviżiv" jirreferi għal stampi jiċċaqalqu bil-ħoss jew mingħajr ħoss; għalhekk huwa jinkludi films mingħajr ħoss, iżda mhux xandir awdjo jew **servizzi** tar-radju.

Ġustifikazzjoni

Il-kunċett "awdjoviżiv" f'atti legali Ewropej u internazzjonali oħra, bħal pereżempju l-klassifikazzjoni tad-WTO tas-servizzi taħt Paragrafu D, jinkludi anki r-radju flimkien mat-televiżjoni. Għandu jiġi żgurat li d-direttiva preżenti ma teffettwax dawn id-definizzjonijiet u mill-bqija r-radju jibqa' parti mis-servizzi awdjoviżivi.

Emenda 17
Premessa 16.000000 a (ġdida)

	(16a) Servizz tal-midja awdjoviżiv jikkonsisti fi programmi, jiġifieri, suċċessjoni limitata ta' stampi jiċċaqalqu, bil-ħoss jew bla ħoss, taħt responsabilità editorjali, li huma distribwiti minn fornitur ta' servizzi tal-midja skond skema fissa ta' żmien jew miġbura flimkien

f'katalogu.

Ġustifikazzjoni

Il-kunċett ta' "programm" jikkaratterizza servizzi tal-midja awdjoviżivi u għalhekk jeħtieġ definizzjoni separata.

Emenda 18
PREMESSA 17

(17) Der Begriff der redaktionellen Verantwortung ist grundlegend für die Bestimmung der Rolle des Mediendiensteanbieters und damit des Begriffs der audiovisuellen Mediendienste. L-eċċezzjonijiet dwar responsabilità li tipprovdi għalihom id-Direttiva 2000/31/KE ma jiġux effettwati min din id-direttiva.	(17) Il-kunċett ta' responsabilità editorjali huwa essenzjali għad-definizzjoni ta' l-irwol tal-fornitur tas-servizzi tal-midja u għaldaqstant għad-definizzjoni tas-servizzi tal-midja awdjoviżivi. ***"Responsabilità editorjali" tfisser ir-responsabilità ta' l-għażla u l-organizzazzjoni tal-kontenut ta' offerta awdjoviżiva fuq bażi professjonali. Dan jista' japplika għall-kontenut individwali jew għal serje ta' kontenuti. Dan ma jinkludix is-sempliċi tixrid tekniku ta' kontenuti, lineari jew fuq talba, li jagħti bidu għalihom jew huwa responsabbli għalihom min joffri s-servizz.*** L-eċċezzjonijiet dwar responsabilità li tipprovdi għalihom id-Direttiva 2000/31/KE ma jiġux effettwati min din id-direttiva.

Ġustifikazzjoni

Kjarifikazzjoni tal-kriterju tar-responsabilità editorjali.

Emenda 19
Premessa 17.000000 a (ġdida)

	(17a) Ix-xandir tekniku ta' servizz tal-midja waħdu, terrestri jew bis-satellita, mhuwiex kriterju fih innifsu li jikkwalifika lil min joffri servizz tal-midja fis-sens ta' din id-direttiva, anke jekk tittieħed deċiżjoni bl-għażla, jekk terza parti ġġorr ir-responsabilità editorjali b'mod ċar.

Ġustifikazzjoni

Kjarifikazzjoni ta' distinzjoni bejn ir-regolazzjoni tat-trażmissjoni u r-regolazzjoni tal-kontenut.

Emenda 20
PREMESSA 18

(18) Apparti r-riklami u t-"teleshopping", qed tiġi introdotta d-definizzjoni aktar wiesgħa tal-komunikazzjoni kummerċjali awdjoviżiva. Er umfasst bewegte Bilder mit oder ohne Ton, ***die audiovisuelle*** Mediendienste ***begleiten und die*** der unmittelbaren oder mittelbaren Förderung des Absatzes von Waren und Dienstleistungen oder des Erscheinungsbilds natürlicher oder juristischer Personen, die einer wirtschaftlichen Tätigkeit nachgehen, dienen und umfasst daher nicht Beiträge im Dienst der Öffentlichkeit kostenlose Spendenaufrufe zu Wohlfahrtszwecken.	(18) Apparti r-riklami u t-"teleshopping", qed tiġi introdotta d-definizzjoni aktar wiesgħa tal-komunikazzjoni kummerċjali awdjoviżiva. Dan jinkludi stampi li jiċċaqalqu, bil-ħoss jew bla ħoss, ***bħala parti mis-servizzi awdjoviżivi***, ***bl-iskop li*** jippromwovu direttament jew indirettament oġġetti u servizzi tal-midja jew ta' l-immaġini ta' persuni naturali jew ġuridiċi, li jsegwu attività kummerċjali, u għalhekk ma jinkludix kontributi fis-servizz tal-pubbliku u appelli għall-karità li jsiru mingħajr ħlas.

Ġustifikazzjoni

Il-formulazzjoni tat-test jirrefletti aħjar it-tipi differenti ta' reklami.

Emenda 21
PREMESSA 20

(20) Die technologische Entwicklung, insbesondere bei den digitalen Satellitenprogrammen, macht eine Anpassung der Nebenkriterien notwendig, damit eine sinnvolle Regulierung und wirksame Umsetzung möglich ist und damit die Marktteilnehmer eine tatsächliche Verfügungsgewalt über die Inhalte eines audiovisuellen ***Inhaltsdienstes*** erhalten.	(20) L-iżvilupp teknoloġiku, b'mod partikolari fir-rigward tal-programmi diġitali bis-satellita, jeħtieġ li kriterji sekondarji jiġu adattati, sabiex ikunu żgurati regolazzjoni xierqa u implimentazzjoni effettiva u sabiex l-operaturi fis-suq jingħataw saħħa reali fuq il-kontenut ***ta' servizz tal-midja*** awdjoviżiv.

Ġustifikazzjoni

Kjarifikazzjoni editorjali

Emenda 22
PREMESSA 25

(25) Fil-komunikazzjoni tagħha lill-Kunsill u lill-Parlament Ewropew dwar regolazzjoni aħjar għat-tkabbir u l-impiegi fl-Unjoni Ewropea, il-Kummissjoni enfasizzat li teħtieġ analiżi bil-għaqal ta' l-approċċ regolatorju xieraq u b'mod partikolari jekk huwiex neċessarju att legali għal kull settur jew kwistjoni, jew jekk jistgħux jiġu kkunsidrati l-koregolazzjoni jew l-awtoregolazzjoni. Für Ko-Regulierung und Selbstregulierung sieht die Interinstitutionelle Vereinbarung über bessere Rechtsetzung gemeinsame Definitionen, Kriterien und Verfahren vor.“ Wie die Erfahrung zeigt, können ***Mit-*** und Selbstregulierungsinstrumente, die im Einklang mit den unterschiedlichen Rechtstraditionen der Mitgliedstaaten angewandt werden, eine wichtige Rolle bei der Gewährleistung eines hohen Verbraucherschutzes spielen.	(25) Fil-komunikazzjoni tagħha lill-Kunsill u lill-Parlament Ewropew dwar regolazzjoni aħjar għat-tkabbir u l-impiegi fl-Unjoni Ewropea, il-Kummissjoni enfasizzat li teħtieġ analiżi bil-għaqal ta' l-approċċ regolatorju xieraq u b'mod partikolari jekk huwiex neċessarju att legali għal kull settur jew kwistjoni, jew jekk jistgħux jiġu kkunsidrati l-koregolazzjoni jew l-awtoregolazzjoni. Għall-koregolazzjoni u l-awtoregolazzjoni l-Ftehim Interistituzzjonali dwar Leġiżlazzjoni Aħjar jipprovdi għal definizzjonijiet, kriterji u proċeduri komuni. Kif turi l-esperjenza, strumenti ta' ***koregolazzjoni*** u awtoregolazzjoni li jiġu implimentati b'konformità mat-tradizzjonijiet differenti ta' l-Istati Membri, jistgħu jkollhom irwol importanti fil-garanzija ta' ħarsien tal-konsumatur, ***għaliex dawn l-għanijiet jistgħu jintlaħqu fuq kollox fil-qafas tas-servizzi awdjoviżivi ġodda bl-appoġġ attiv ta' min joffrihom. Strumenti ta' koregolazzjoni u awtoregolazzjoni għalhekk għandhom jiġu applikati mhux biss f'livell Ewropew iżda wkoll skond it-tradizzjonijiet legali diversi anki għall-implimentazzjoni tad-direttiva fl-Istati Membri. Ir-rikonoxximent ġenerali min-naħa ta' l-operaturi tal-proċedura fis-sens tad-direttiva jirreferi għall-Istati Membri u mhux għall-Komunità.***

Ġustifikazzjoni

Id-definizzjoni ta' Koregolazzjoni u awtoregolazzjoni fil-kuntest ta' din id-direttiva hija ta' importanza kbira. Biex ikun kompletat il-Ftehim Interistituzzjonali dwar Leġiżlazzjoni Aħjar f'livell Ewropej għandu jiġi ċċarat kif dawn l-istrumenti għandhom jiġu applikati f'livell nazzjonali.

Emenda 23
Premessa 25.000000 a (ġdida)

(25a) It-terminu ġeneriku "koregolazzjoni" jinkludi strumenti ta' regolazzjoni li huma bbażati fuq koperazzjoni bejn uffiċċji ta' l-istat u uffiċċji awtoregolatorji, u f'livell nazzjonali għandhom titli u strutturi diversi. Il-forma konkreta li jieħdu tiddependi mit-tradizzjoni speċifika tas-sistema tal-midja fl-Istati Membri individwali. Dak li hemm komuni fis-sistemi ta' koregolazzjoni huwa li d-dmirijiet li qabel kienu f'idejn l-istat issa jiġu implimentati f'koperazzjoni ma' l-operaturi konċernati. Fuq il-bażi ta' l-istruzzjoni jew l-awtorizzazzjoni mill-istat, l-operaturi stess għandhom jiżguraw li l-objettiv tar-regolazzjoni jintlaħaq. Il-bażi tibqa' dejjem il-qafas legali ta' l-istat, li jinkludi r-rekwiżiti dwar il-kontenut, l-organizzazzjoni u l-proċedura. Fuq din il-bażi l-operaturi jibnu kriterji, regoli u strumenti oħra, u huma stess jaraw li dawn jinżammu. Permezz ta' l-awtoregolazzjoni hekk kif inhi definita hawnhekk, għarfien mill-esperti jista' jintuża direttament u l-proċeduri burokratiċi jiġu evitati. Huwa neċessarju li l-operaturi kollha, jew għall-inqas dawk l-aktar importanti jipparteċipaw jew jirrikonoxxuha. Il-koregolazzjoni tiffunzjona permezz ta' kumbinazzjoni ta' regoli għall-operaturi kkonċernati u possibilitajiet ta' intervent mill-istat fil-każ li r-regoli ma jiġux rispettati.

Ġustifikazzjoni

Id-definizzjoni ta' koregolazzjoni u awtoregolazzjoni fil-kuntest ta' din id-direttiva tiddeskrivi l-proċess ta' leġiżlazzjoni, id-dmir ta' l-uffiċċji ta' awtoregolazzjoni u l-ispazju li fih jistgħu jaġixxu l-Istati Membri.

Emenda 24
PREMESSA 27

(27) Zur vollständigen und angemessenen Wahrung des Grundrechts auf Information und der Zuschauerinteressen in der Europäischen Union ***sollten*** daher die Inhaber ausschließlicher Rechte für Ereignisse, die von öffentlichem Interesse sind, anderen Fernsehveranstaltern und ***Vermittlern***, soweit diese für ***Fernsehveranstaltern*** tätig werden, unter fairen, zumutbaren und diskriminierungsfreien Bedingungen das Recht auf Verwendung von kurzen Auszügen für allgemeine Nachrichtenzwecke gewähren, wobei jedoch den ausschließlichen Rechten angemessen Rechnung zu tragen ist. Solche Bedingungen sollten rechtzeitig vor dem Ereignis, das von öffentlichem Interesse ist, mitgeteilt werden, damit andere Interessenten genügend Zeit haben, dieses Recht auszuüben. Dawn il-biċċiet qosra ġeneralment m'għandhomx ikunu itwal minn 90 sekonda.	(27) Biex jiġu ssalvagwardjati b'mod sħiħ u xieraq id-dritt fundamentali għall-informazzjoni u l-interessi tat-telespettaturi fl-Unjoni Ewropea, il-propjetari ta' drittijiet esklussivi għal avvenimenti li huma ta' interess ġenerali ***kbir***, ***għandhom*** għalhekk jikkonċedu lill-operaturi tat-televiżjoni oħra u ***lill-aġenziji ta' l-aħbarijiet***, id-dritt li jużaw biċċiet żgħar għall-skopijiet ***biss*** ta' aħbarijiet ġenerali b'kundizzjonijiet ġusti, raġjonevoli u mingħajr diskriminazzjoni, sakemm dawn ikunu qed joperaw ***direttament bħala aġenzija għal operaturi televiżivi awtorizzati***, u filwaqt li jiġu rispettati b'mod xieraq id-drittijiet ta' l-esklussività. Dawn il-kundizzjonijiet għandhom jiġu kkomunikati fi żmien raġjonevoli qabel l-avveniment ta' interess pubbliku sabiex dawk interessati jkollhom biżżejjed żmien jeżerċitaw dan id-dritt. Bħala regola ġenerali dawn il-biċċiet
	- m'għandhomx ikunu itwal minn 90 minuta. ***- għandhom jiġu mxandra qabel l-avveniment jintemm,*** ***- għandhom jintwerew aktar tard minn 36 siegħa wara l-avveniment,*** ***- għandhom jintużaw biex jinħoloq arkivju pubbliku,*** ***- għandhom ineħħu s-simbolu tax-xandar oriġinali jew kull identifikazzjoni tiegħu, jew*** ***- għandhom jintużaw għas-servizzi mhux lineari.*** ***Id-dritt ta' aċċess transkonfinali għall-aħbarijiet għandu japplika fejn ikun neċessarju biss; bl-istess mod, jekk xandar fl-istess Stat Membru jkun akkwista drittijiet eslussivi għall-avveniment ikkonċernat, il-permess għall-aċċess għandu jintalab mingħand dak ix-xandar;***

Ġustifikazzjoni

Tikkjarifika li d-dritt ta' rappurtar fil-qosor għandu jiġi eżerċitat madwar l-UE kollha u li,

apparti l-operaturi televiżivi, aġenziji ta' l-aħbarijiet jistgħu jitolbu d-dritt tar-rappurtar fil-qosor, sakemm dawn ikunu qed joperaw direttament għall-operaturi televiżivi, u skond liema kundizzjonijiet dan għandu jsir.

Emenda 25
PREMESSA 28

(28) Servizzi mhux lineari jiddistingwu ruħhom mis-servizzi lineari fir-rigward ta' l-għażla u l-kontroll li l-utent għandu u rigward l-impatt li għandhom fuq is-soċjetà. Għalhekk dan jiġġustifika li, għas-servizzi mhux lineari, li jaqgħu taħt l-Artikoli 3c sa 3h, jiġu imposti regoli anqas iebsa.	(28) Servizzi mhux lineari jiddistingwu ruħhom mis-servizzi lineari fir-rigward ta' l-għażla u l-kontroll li l-utent għandu u rigward l-impatt li għandhom fuq is-soċjetà. Għalhekk dan jiġġustifika li, għas-servizzi mhux lineari, li jaqgħu taħt l-Artikoli 3c sa 3h, jiġu imposti regoli anqas iebsa. ***Għas-servizzi tal-midja awdjoviżivi lineari jew trażmissjonijiet televiżivi li jiġu offruti minn fornitur ta' servizzi tal-midja simultanjament jew li jiġu trażmessi ftit aktar tard bħala servizzi mhux lineari, ir-rekwiżiti ta' din id-direttiva huma meqjusa li ġew rispettati b'xandir lineari .***

Ġustifikazzjoni

Kjarifikazzjoni ta' l-ordni fir-regolazzjoni taħt din id-direttiva.

Emenda 26
PREMESSA 35

(35) Servizzi mhux lineari għandhom il-potenzjal li jissostitwixxu parzjalment is-servizzi lineari. Għalhekk, fejn huwa prattikabbli, għandhom jippromwovu l-produzzjoni u d-distribuzzjoni ta' xogħlijiet Ewropej u b'hekk jagħtu kontribut lill-promozzjoni tad-diversità kulturali. L-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet dwar il-promozzjoni ta' xogħlijiet Ewropej u xogħlijiet ta' produtturi indipendenti minn servizzi tal-midja awdjoviżivi għandha tiġi riveduta regolarment. Fil-qafas tar-rapporti skond fl-Artikolu 3f (3), l-Istati Membri għandhom jikkunsidraw b'mod partikolari l-kontribut finanzjarju minn servizzi bħal dawn għall-produzzjoni u l-akwiżizzjoni	(35) Servizzi mhux lineari għandhom il-potenzjal li jissostitwixxu parzjalment is-servizzi lineari. Għalhekk, fejn huwa prattikabbli, għandhom jippromwovu l-produzzjoni u d-distribuzzjoni ta' xogħlijiet Ewropej u b'hekk jagħtu kontribut lill-promozzjoni tad-diversità kulturali. ***Filwaqt li jippromwovu servizzi tal-midja awdjoviżivi mhux lineari, dan l-appoġġ jista', pereżempju, jieħu l-forma ta' kontribut minimu proporzjonali mar-riżultat ekonomiku, jew parti mix-xogħlijiet Ewropej tal-katalogi "videos on demand" jew il-preżentazzjoni ta' xogħlijiet Ewropej fi gwidi ta' programmi elettroniċi.*** L-applikazzjoni tad-

tad-drittijiet ta' xogħlijiet Ewropej, il-parti tax-xogħlijiet Ewropej mill-katalogu sħiħ ta' servizzi tal-midja awdjoviżivi kif ukoll il-konsum reali tax-xogħlijiet Ewropej offruti minn dawn is-servizzi min-naħa tal-konsumatur.	dispożizzjonijiet dwar il-promozzjoni ta' xogħlijiet Ewropej u xogħlijiet ta' produtturi indipendenti minn servizzi tal-midja awdjoviżivi għandha tiġi riveduta regolarment. Fil-qafas tar-rapporti skond fl-Artikolu 3f (3), l-Istati Membri għandhom jikkunsidraw b'mod partikolari l-kontribut finanzjarju minn servizzi bħal dawn għall-produzzjoni u l-akwiżizzjoni tad-drittijiet ta' xogħlijiet Ewropej, il-parti tax-xogħlijiet Ewropej mill-katalogu sħiħ ta' servizzi tal-midja awdjoviżivi kif ukoll il-konsum reali tax-xogħlijiet Ewropej offruti minn dawn is-servizzi min-naħa tal-konsumatur. ***F'dawn ir-rapporti anki x-xogħlijiet ta' produtturi indipendenti għandhom jiġu kkunsidrati b'mod xieraq.***

Ġustifikazzjoni

Dawn iż-żidiet juru minn naħa waħda l-possibilitajiet għall-promozzjoni ta' servizzi tal-midja awdjoviżivi mhux lineari, min-naħa l-oħra d-dmir tar-rappurtar.

Emenda 27
Premessa 38.000000 a (ġdida)

	(38a) Id-dritt għar-risposta huwa mezz ta' azzjoni legali adattat ħafna fuq l-internet, peress li teżisti l-possibilità li informazzjoni li jkun hemm oġġezzjoni għaliha, tiġi kkoreġġuta immedjatament. Madanakollu, ir-risposta trid issir fi żmien raġjonevoli wara li tkun ġustifikata t-talba, u f'mument u f'forma li jidhru xierqa fil-konfront tal-programm partikolari, li tkun saret oġġezzjoni għalih. B'mod partikolari, ir-risposta għandha tingħata l-istess importanza li tingħata lill-informazzjoni li tkun saret oġġezzjoni għaliha, sabiex ikun jista' jintlaħaq l-istess ċirku ta' utenti bl-istess effetti.

Ġustifikazzjoni

Il-karattru partikolari tas-servizzi tal-midja awdjoviżivi għandu jiġi kkunsidrat b'mod xieraq

fid-dritt tar-risposta..

Emenda 28
PREMESSA 46

(46) Produktplatzierung ist eine Tatsache in Kinospielfilmen und audiovisuellen ***Fernsehproduktionen***, sie wird aber von den Mitgliedstaaten unterschiedlich geregelt. Um gleiche Wettbewerbsbedingungen zu schaffen und damit die Wettbewerbsfähigkeit der europäischen Medien zu verbessern, ***ist es notwendig***, Regelungen für die Produktplatzierung zu treffen. Die hier eingeführte Bestimmung des Begriffs „Produktplatzierung“ umfasst alle Formen audiovisueller kommerzieller Kommunikation, die in der Einbeziehung eines Produkts, eines Dienstes oder der entsprechenden Marke bzw. der Bezugnahme darauf besteht, so dass diese innerhalb eines Programms erscheinen, ***üblicherweise*** gegen Entgelt oder eine ähnliche Gegenleistung. Għal dan huma validi l-istess regoli kwalitattivi u restrizzjonijiet bħal fil-każ tar-reklamar.	(46) Il-pjazzament tal-prodott huwa realtà, ***b'mod partikolari*** fil-films taċ-ċinema ***ta' l-Istati Uniti*** u ***fil-produzzjonijiet ta' films*** awdjoviżivi ***għat-televiżjoni***; iżda dan huwa regolat b'mod differenti mill-Istati Membri. Sabiex jinħolqu kundizzjonijiet ta' kompetizzjoni ugwali ***f'dawn l-oqsma*** u sabiex tittejjeb il-kapaċità kompetittiva tal-midja Ewropea, ***qed jiġi propost*** li jsiru regolamenti għall-pjazzament tal-prodott fis-suq. Id-dispożizzjoni tal-kunċett "pjazzament fis-suq" introdotta hawn tinkludi l-forom kollha ta' komunikazzjoni kummerċjali awdjoviżiva, li tikkonsisti fl-introduzzjoni ta' prodott, ta' servizz jew tad-ditta relattiva jew, jekk jinzerta l-każ, ir-riferiment għalih, sabiex dawn jidhru waqt programm, bi ħlas jew b'kumpens simili. Għal dan huma validi l-istess regoli kwalitattivi u restrizzjonijiet bħal fil-każ tar-reklamar.

Ġustifikazzjoni

L-emenda sservi ta' differenzjar fil-pjazzament tal-prodotti fis-suq (Product Placement).

Emenda 29
Premessa 46.000000 a (ġdida)

	(46a)"Għajnuna għall-produzzjoni" tirreferi għat-tismija jew għall-preżentazzjoni ta' oġġetti jew servizzi għal raġunijiet editorjali mingħajr ħlas jew kumpens simili. Biex issir distinzjoni tal-"pjazzament tal-prodott" fis-sens ta' din id-direttiva, il-kundizzjonijiet tal-qafas legali għall-użu ta' l-għajnuna permissibbli fil-formati kollha tal-programm għandhom jiġu ċċarati.

Ġustifikazzjoni

Bl-introduzzjoni ta' "Product Placement" f'din id-direttiva huwa neċessarju li jiġi ċċarat l-istatus legali ta' l-għajuna għall-produzzjoni.

Emenda 30
PREMESSA 46 b (ġdida)

(46) "enfasi eċċessiva" teżisti meta prodotti jiġu enfasizzati b'mod eċċessiv permezz ta' preżentazzjoni ripetuta tad-ditta, il-prodott jew is-servizz ikkonċernat fil-kuntest ta' l-għajnuna għall-produzzjoni jew il-pjazzament tal-prodott, meta jiġi kkunsidrat il-kontenut tal-programm li fih ikunu qed jidhru.

Ġustifikazzjoni

"L-enfasi eċċessiva" hija kriterju ċentrali fl-identifikazzjoni tal-pjazzament ta' prodott u għaldaqstant għandha tiġi definita aħjar.

Emenda 31
PREMESSA 47

(47) Die ***Regulierungsbehörden*** sollten sowohl von nationalen Regierungen als auch von Anbietern audiovisueller Mediendienste unabhängig sein, damit sie ihre Aufgaben unparteilich und transparent wahrnehmen und zur Medienvielfalt beitragen können. L-awtoritajiet nazzjonali ta' regolazzjoni u l-Kummissjoni għandhom jaħdmu flimkien mill-qrib sabiex jiżguraw l-applikazzjoni regolari ta' din id-direttiva –	(47) ***L-uffiċċji ta' regolamentazzjoni*** għandhom ikunu indipendenti kemm mill-gvernijiet nazzjonail kif ukoll mill-operaturi tas-servizzi tal-midja awdjoviżivi, sabiex iwettqu d-dmirijiet tagħhom b'mod imparzjali u trasparenti u jikkontribwixxu għall-pluralità fil-midja. L-awtoritajiet nazzjonali ta' regolazzjoni u l-Kummissjoni għandhom jaħdmu flimkien mill-qrib sabiex jiżguraw l-applikazzjoni regolari ta' din id-direttiva –

Ġustifikazzjoni

Formulazzjoni miftuħa minħabba strutturi nazzjonali differenti.

Emenda 32
Premessa 47 a (ġdida)

(47a) Id-dritt tal-persuni b'diżabilità u ta' l-anzjani li jipparteċipaw fil-ħajja soċjali u kulturali tas-soċjetà huwa, skond l-Artikoli 25 u 26 tal-Karta dwar id-Drittijiet Fundamentali ta' l-Unjoni Ewropea marbut sewwa mal-kundizzjoni ta' aċċessibilità tas-servizzi tal-midja awdjoviżivi. L-aċċessibilità tas-servizzi tal-midja awdjoviżivi tinkludi, iżda ma tillimitax ruħha għal-lingwa tas-sinjali, is-sottotitli, deskrizzjoni akustika ta' l-istampa u gwidi tal-kontenut li jiftiehmu faċilment.

Ġustifikazzjoni

B'konformità ma' l-obbligu tal-Kummissjoni li jiġu kkunsidrati l-interessi ta' persuni b'diżabilità fl-oqsma kollha tal-politika soċjali, huwa importanti li jsir riferiment speċifiku għad-dispożizzjonijiet tal-Karta dwar id-Drittijiet Fundamentali fir-rigward tal-persuni b'diżabilità u l-anzjani. Barra minn hekk qed tiġi proposta lista mhux eskussiva dwar kriterji ta' aċċessibilità biex id-dispożizzjonijiet tal-Karta jinżammu.

Emenda 33
ARTIKOLU 1 PUNT 2
Artikolu 1 a (Direttiva 89/552/KEE)

a) "servizz tal-midja awdjoviżiv": eine Dienstleistung im Sinne von Artikel 49 und 50 EG-Vertrag, deren Hauptzweck in dem Angebot ***bewegter Bilder*** mit oder ohne Ton zur Information, Unterhaltung oder Bildung der allgemeinen Öffentlichkeit über elektronische Kommunikationsnetze im Sinne von Artikel 2 Buchstabe a der Richtlinie 2002/21/EG des Europäischen Parlamentes und der Rates besteht.	a) "servizz tal-midja awdjoviżiv": Servizz ***ipprovdut taħt responsabilità editorjali ta' fornitur ta' servizz tal-midja*** kif definit mill-Artikoli 49 u 50 tat-Trattat KE, li għandha bħala skop prinċipali l-forniment ***ta' programmi li jikkonsistu fi stampi li jiċċaqalqu,*** bil-ħoss jew mingħajr ħoss, sabiex jinforma, jagħti spettaklu jew jeduka lill-pubbliku ġenerali permezz ta' netwerks ta' komunikazzjoni elettroniċi fis-sens ta' l-Artikolu 2(a) tad-Direttiva qafas 2002/21/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill. ***Din id-direttiva ma tkoprix il-karta stampata u l-istampa elettronika, fejn il-parti awdjoviżiva ma tkunx il-komponent ewlieni.*** Dispożizzjonijiet kostituzzjonali nazzjonali li jiggarantixxu l-libertà ta' l-istampa għandhom jiġu

rispettati.

Ġustifikazzjoni

Biex is-servizzi tal-midja awdjoviżivi jkunu distinti aħjar minn servizzi awdjoviżivi oħra għandu jiġi ċċarat li l-offerta ta' stampi jiċċaqalqu tikkonsisti fi programmi li għalihom il-fornitur ta' servizzi tal-midja jġorr ir-responsabilità (ara l-Artikolu 1(b) tal-proposta tal-Kummissjoni). Għal skop ta' kjarifikazzjoni għandu jiġi ċċarat li l-karta stampata u l-istampa elettronika ma jaqgħux fil-kamp ta' applikazzjoni tad-direttiva.

Emenda 34
ARTIKOLU 1 PUNT 2
Artikolu 1 b (Direttiva 89/552/KEE)

b) "fornitur ta' servizzi tal-midja": il-persuna naturali jew ġuridika li ġġor ir-responabilità editorjali għall-għażla tal-kontenuti awdjoviżivi tas-servizz tal-midja awdjoviżivi u tiddetermina kif dawn jiġu organizzati.	b) "fornitur ta' servizzi tal-midja": il-persuna naturali jew ġuridika li ġġor ir-responabilità editorjali għall-għażla tal-kontenuti awdjoviżivi tas-servizz tal-midja awdjoviżivi u tiddetermina kif dawn jiġu organizzati. ***Din id-definizzjoni ma tinkludix dawk il-persuni naturali jew ġuridiċi li jittrażmettu biss il-kontenut, li għalih huma responsabbli terzi persuni.***

Ġustifikazzjoni

It-trażmissjoni ta' offerti ta' kontenut, li għalihom ir-responsabilità editorjali tinsab f'idejn terzi persuni, per se ma taqax fil-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-direttiva.

Emenda 35
ARTIKOLU 1 PUNT 2
Artikolu 1 c (Direttiva 89/552/KEE)

c) "trażmissjoni televiżiva": ein linearer audiovisueller Mediendienst, bei dem ein Mediendiensteanbieter den Zeitpunkt, zu dem ein bestimmtes Programm übertragen wird, und den Programmplan festlegt.	c) "trażmissjoni televiżiva": servizz lineari ta' servizz tal-midja awdjoviżiv ***ikkreat minn fornitur ta' servizz tal-midja għar-riċezzjoni simultanea ta' programmi skond skeda fissa ta' programmi għal numru illimitat ta' telespettaturi***, fejn il-fornitur ta' servizz tal-midja jiddetermina l-mument meta programm partikolari jiġi trażmess, kif ukoll l-iskeda tal-programmi.

Ġustifikazzjoni

Kjarifikazzjoni ta-kunċett "trażmissjoni televiżiva" bħala offerta ta' programm simultanea fuq il-bażi ta' skeda fissa ta' programmi għal numru illimitat ta' telespettaturi.

Emenda 36
ARTIKOLU 1 PUNT 2
Artikolu 1 d (Direttiva 89/552/KEE)

d) ‚Fernsehveranstalter': Anbieter ***linearer audiovisueller Mediendienste***.	d) "operatur televiżiv": fornitur ***ta' trażmissjonijiet televiżivi, jiġifieri, ta' servizzi tal-midja awdjoviżivi lineari.***

Ġustifikazzjoni

Kjarifikazzjoni

Emenda 37
ARTIKOLU 1 PUNT 2
Artikolu 1 e (Direttiva 89/552/KEE)

e) ‚nicht-linearer Dienst': ein audiovisueller Mediendienst, bei dem der Nutzer ***aufgrund eines vom Mediendiensteanbieter ausgewählten Inhaltsangebots den Zeitpunkt festlegt, zu dem ein bestimmtes Programm übertragen wird.***	e) "servizz mhux lineari": servizz tal-midja awdjoviżiv, ***li jikkonsisti f'offerta ta' kontenut awdjoviżiv, li jkun maħdum u miġbur editorjalment minn fornitur ta' servizz tal-midja*** fejn l-utent, ***fuq bażi indiviwali, jitlob għat-trażmissjoni ta' programm partikolari***.

Ġustifikazzjoni

Kjarifikazzjoni tal-kunċett "servizz mhux lineari" bħala servizz tal-midja fuq talba.

Emenda 38
ARTIKOLU 1 PUNT 2
Artikolu 1 f (Direttiva 89/552/KEE)

f) "komunikazzjoni kumerċjali awdjoviżiva": bewegte Bilder mit oder ohne Ton, die ***audiovisuelle*** Mediendienste ***begleiten und die*** der unmittelbaren oder mittelbaren Förderung des Absatzes von	f) "komunikazzjoni kumerċjali awdjoviżiva": stampi jiċċaqalqu bil-ħoss jew mingħajr ħoss, ***li jiġu trażmessi bħala parti*** minn-servizzi tal-midja ***awdjoviżivi bl-iskop*** li jippromwovu, direttament jew

Waren und Dienstleistungen oder des Erscheinungsbilds natürlicher oder juristischer Personen, die einer wirtschaftlichen Tätigkeit nachgehen, dienen.	indirettament, il-bejgħ ta' oġġetti, servizzi jew stampi ta' persuni naturali jew ġuridiċi, li jsegwu attività kummerċjali.

Ġustifikazzjoni

Il-formulazzjoni tat-test tirrefletti aħjar it-tipi differenti ta' reklami.

Emenda 39
ARTIKOLU 1 PUNT 2
Artikolu 1 h (Direttiva 89/552/KEE)

h) "reklamar bil-moħbi": die Erwähnung oder Darstellung von Waren, Dienstleistungen, des Namens, der Marke oder der Tätigkeiten eines Herstellers von Waren oder eines Erbringers von Dienstleistungen in Programmen, wenn sie vom ***Fernsehveranstalter*** absichtlich zu Werbezwecken vorgesehen ist und die Allgemeinheit hinsichtlich ihres eigentlichen Zwecks irreführen kann. Din it-tismija jew preżentazzjoni hija kkunsidrata aktar bħala intenzjonata meta ssir bi ħlas jew b'kumpens simili.	h) "reklamar bil-moħbi": It-tismija jew il-preżentazzjoni ta' prodotti, ta' servizzi, ta' l-isem, tad-ditta jew ta' attivitajiet ta' produttur ta' oġġetti jew ta' fornitur ta' servizzi fi trażmissjonijiet, meta din tkun intenzjonata ***mill-fornitur ta' servizz tal-midja*** għal skopijiet ta' reklamar u tista' tinganna l-pubbliku fir-rigward ta' l-iskop veru tagħha. Din it-tismija jew preżentazzjoni hija kkunsidrata aktar bħala intenzjonata meta ssir bi ħlas jew b'kumpens simili.

Ġustifikazzjoni

Ir-reklamar bil-moħbi għandu jkun ipprojbit anki fis-servizzi mhux lineari.

Emenda 40
ARTIKOLU 1 PUNT 2
Artikolu 1 k (Direttiva 89/552/KEE)

k) "pjazzament ta' prodott": jede Form audiovisueller kommerzieller Kommunikation, die in der Einbeziehung eines Produkts, eines Dienstes oder der entsprechenden Marke bzw. der Bezugnahme darauf besteht, so dass diese innerhalb eines audiovisuellen Mediendienstes erscheinen, ***üblicherweise*** gegen Entgelt oder eine ähnliche	k) "pjazzament ta' prodott": kull forma ta' komunikazzjoni kummerċjali awdjoviżiva, li tikkonsisti fl-introduzzjoni ta' prodott, ta' servizz jew tad-ditta relattiva jew, jekk jinzerta l-każ, ir-riferenza għalih, sabiex dawn jidhru waqt programm, bi ħlas jew b'kumpens simili.

Gegenleistung.“

Ġustifikazzjoni

Hija karatteristika tal-pjazzament ta' prodott li jsir bi ħlas jew b'kumpens simili.

Emenda 41
ARTIKOLU 1 PUNT 2
Artikolu 1 k a (ġdid) (Direttiva 89/552/KEE)

ka) "għajnuniet għall-produzzjoni": ***prodotti jew servizzi li jkunu disponibbli mingħajr ħlas jew kumpens, li jiġu użati għal raġunijiet editorjali.***

Ġustifikazzjoni

Kjarifikazzjoni fir-rigward tal-"Product Placement".

Emenda 42
ARTIKOLU 1 PUNT 2
Artikolu 1 k b (ġdid) (Direttiva 89/552/KEE)

kb) "programm": unità ta' kontenut ta' stampi jiċċaqalqu, bil-ħoss jew bla ħoss, ikkreata editorjalment minn fornitur ta' servizz tal-midja fil-kuntest ta' skeda ta' trażmissjonijiet fissa jew f'katalogu.

Ġustifikazzjoni

Il-kunċett "programm" huwa ta' importanza kbira għad-direttiva u għalhekk jirrekjedi definizzjoni separata.

Emenda 43
ARTIKOLU 1 PUNT 2
Artikolu 1 k c (ġdid) (Direttiva 89/552/KEE)

kc) "responsabilità editorjali": ***il-kumpilazzjoni finali ta' programmi minn fornitur professjonali ta' kontenuti tal-midja għat-trażmissjoni fi skeda ta' żmien fissa jew fuq talba minn katalogu,***

intenzjonata għall-pubbliku ġenerali.

Ġustifikazzjoni

Il-kunċett "responsabilità editorjali" huwa ta' importanza kbira għall-kamp ta' applikazzjoni tad-direttiva u għalhekk jeħtieġ definizzjoni.

Emenda 44
ARTIKOLU 1 PUNT 4 B
Artikolu 2a Paragrafu 2 (Direttiva 89/552/KEE)

b) ***In*** Absatz 2 ***wird der Wortlaut „Artikel 22a“ durch „Artikel 3e“ ersetzt***.	b) Il-paragrafu 2 ***a huwa mibdul b'dan li ġej:***
	"(2) L-Istati Membri jistgħu jidderogaw minn Paragrafu 1 jekk ikunu rispettati dawn il-kundizzjonijiet.
	(a) Trażmissjoni televiżiva li tkun ġejja minn Stat Membru ieħor tikser l-Artikolu 22 (1) jew (2) (tad-Direttiva "Televiżjoni mingħajr Fruntieri") u/jew 3e (ta' din id-direttiva) manifestament, serjament u gravement, jew servizz tal-midja mhux lineari ġej minn Stat Membru ieħor jikser l-Artikolu 3e manifestament, serjament u gravement."

Ġustifikazzjoni

Anke fil-każ ta' servizzi tal-midja mhux lineari għandha tkun possibbli reazzjoni kif s'issa jiġri fil-każ tal-televiżjoni jekk ikun hemm ksur partikolarment serju.

Emenda 45
ARTIKOLU 1 PUNT 5
Artikolu 3 Paragrafu 1 (Direttiva 89/552/KEE)

(1) L-Istati Membri għandhom jibqgħu ħielsa li jitolbu lill-fornituri ta' servizzi tal-midja li jaqgħu fil-ġuriżdizzjoni tagħhom li jirrispettaw regoli aktar iebsa jew dettaljati fl-oqsma koperti minn din id-direttiva.	(1) L-Istati Membri għandhom jibqgħu ħielsa li jitolbu lill-fornituri ta' servizzi tal-midja li jaqgħu fil-ġuriżdizzjoni tagħhom li jirrispettaw regoli aktar iebsa jew dettaljati fl-oqsma koperti minn din id-direttiva.
	L-Istat Membri għandhom jiżguraw li kull politika li jadottaw fir-rigward tax-xandir tkun konformi mal-prinċipji ġenerali tal-

Komunitajiet dwar is-suq komuni.

Ġustifikazzjoni

Kull dispożizzjoni addizzjonali possibbli mill-Istati Membri għandha tindirizza l-prinċipji bażiċi tas-suq intern.

Emenda 46
ARTIKOLU 1 PUNT 5
Artikolu 3 Paragrafu 2 (Direttiva 89/552/KEE)

(2) Die Mitgliedstaaten sorgen mit geeigneten Mitteln im Rahmen ihrer Rechtsvorschriften dafür, dass die ihrer Rechtshoheit unterliegenden Mediendiensteanbieter den Bestimmungen dieser Richtlinie tatsächlich nachkommen.	(2) L-Istati Membri, b'mezzi xierqa, għandhom jiżguraw li, fi ħdan il-qafas tal-leġiżlazzjoni tagħhom, ***u b'konformità ma' proċeduri ta' superviżjoni eżistenti ta' effettività ppruvata f'kull Stat Membru,*** fornituri ta' servizzi tal-midja li jaqgħu fil-ġuriżdizzjoni tagħhom jirrispettaw verament id-dispożizzjonijiet ta' din id-direttiva.

Ġustifikazzjoni

Kjarifikazzjoni li l-Istati Membri jistgħu jużaw proċeduri li ġew ippruvati fl-effettività tagħhom biex jilħqu l-iskop ta' din id-direttiva.

Emenda 47
ARTIKOLU 1 PUNT 5
Artikolu 3 Paragrafu 3 (Direttiva 89/552/KEE)

(3) Die Mitgliedstaaten fördern Regelungen zur ***Co-Regulierung in den von dieser Richtlinie koordinierten Bereichen***. Dawn ir-regolamenti għandhom ikunu fformulati b'tali mod li jkunu ġeneralment rikonoxxuti mill-operaturi prinċipali u tkun żgurata implimentazzjoni effettiva.	(3) L-Istati Membri għandhom jippromwovu***, fl-oqsma kkordinati minn din id-direttiva, f'livell nazzjonali,*** ir-regolamenti ***għall-koregolazzjoni bħala strument ta' regolazzjoni, li jkun ibbażat fuq koperazzjoni bejn entitajiet pubbliċi u uffiċċji awtoregolatorji, fejn l-uffiċċji pubbliċi jiddeterminaw il-qafas legali għall-koperazzjoni.*** Dawn ir-regolamenti għandhom ikunu fformulati b'tali mod li jkunu ġeneralment rikonoxxuti mill-operaturi prinċipali u tkun żgurata implimentazzjoni effettiva.

Ġustifikazzjoni

Kjarifikazzjoni dwar ir-relazzjoni bejn il-koregolazzjoni u l-awtoregolazzjoni fil-livell nazzjonali.

Emenda 48
ARTIKOLU 1 PUNT 6
Artikolu 3 b Paragrafu 1 (Direttiva 89/552/KEE)

(1) ***Die Mitgliedstaaten sorgen*** dafür, dass der Zugang zu Ereignissen, die von großem öffentlichen Interesse sind und die von einem ihrer Rechtshoheit unterliegenden Fernsehveranstalter übertragen werden, zum Zwecke der Kurzberichterstattung Fernsehveranstaltern, die in anderen Mitgliedstaaten niedergelassen sind, nicht verwehrt wird.	(1) ***Mingħajr ħsara għal ftehimiet kuntrattwali oħra bejn operaturi televiżi kkonċernati, l-Istati membri*** għandhom jiżguraw li, għall-iskopijiet ta' rapporti ta' l-aħbarijiet qosra, xandara ***li jkollhom permess validu bil-liġi u*** li jkunu stabbiliti fi Stati Membri oħra ma jiġux imċaħħda mill-aċċess għal avvenimenti ta' interess ġenerali kbir li jkunu trażmessi minn xandar taħt il-ġuriżdizzjoni tagħhom ***u dawn għandhom jirċievu ħlas xieraq ta' dan***.

Ġustifikazzjoni

Kjarifikazzjoni li l-obbligi kuntrattwali eżistenti għandhom jiġu rispettati u li għandu jsir ħlas xieraq.

Emenda 49
ARTIKOLU 1 PUNT 6
Artikolu 3 b Paragrafu 2 (Direttiva 89/552/KEE)

(2) Die Fernsehveranstalter ***oder Vermittler*** können diese Kurznachrichtenausschnitte frei aus dem Sendesignal des übertragenden Fernsehveranstalters auswählen, müssen dabei aber mindestens ihre Quelle angeben.	(2) L-operaturi televiżivi jistgħu ***jew*** jagħżlu liberament ir-rapporti qosra ta' l-aħbarijiet mis-sinjal ta' trażmissjoni ta' l-operatur televiżiv, iżda għall-inqas jidentifikaw is-sors***, jew jistgħu huma stess jingħataw aċċess għall-avveniment għall-iskopijiet ta' trażmissjoni skond il-liġijiet ta' l-Istat Membru***.

Ġustifikazzjoni

Id-dritt ta' aċċess għandu jingħata skond id-dispożizzjonijiet nazzjonali.

Emenda 50
ARTIKOLU 1 PUNT 6
Artikolu 3 b Paragrafu 2 a (ġdid) (Direttiva 89/552/KEE)

(2a) Id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Artikolu huma validi mingħajr ħsara għall-obbligu ta' kull xandar li jirrispetta d-drittijiet ta' l-awtur ta' l-Istat Membru fejn ikun stabbilit, inkluża d-direttiva 2001/29/KE u/jew il-Konvenzjoni ta' Berna, u ma jeffettwawx dan l-obbligu.

Ġustifikazzjoni

Kjarifikazzjoni li l-obbligi dwar id-drittijiet ta' l-awtur fis-seħħ ma jiġux effettwati minn din id-direttiva.

Emenda 51
ARTIKOLU 1 PUNT 6
Artikolu 3 f Paragrafu 1 (Direttiva 89/552/KEE)

(1) Die Mitgliedstaaten sorgen im Rahmen des praktisch Durchführbaren und mit angemessenen Mitteln dafür, dass die ihrer Rechtshoheit unterliegenden Mediendiensteanbieter die Produktion und den Zugang zu europäischen Werken im Sinne von Artikel 6 fördern.	(1) L-Istati Membri għandhom jiżguraw li, l-fornituri tas-servizzi tal-midja li jaqgħu taħt il-ġuriżdizzjoni tagħhom, fejn prattikabbli u b'mezzi xierqa, ***u fir-rispett tal-kompetizzjoni bejn swieq differenti ta' distribuzzjoni,*** jippromwovu l-produzzjoni ta' u l-aċċess għal xogħlijiet Ewropej fis-sens ta' l-Artikolu 6.

Ġustifikazzjoni

Kunsiderazzjoni ta' l-iżvilupp teknoloġiku u l-kompetizzjoni li tirriżulta minnu fis-swieq ta' distribuzzjoni differenti.

Emenda 52
ARTIKOLU 1 PUNT 6
Artikolu 3 f Paragrafu 3 (Direttiva 89/552/KEE)

(3) Die Mitgliedstaaten erstatten der Kommission spätestens zum Ende des vierten Jahres nach Erlass dieser Richtlinie und anschließend alle ***drei*** Jahre über die Umsetzung der Bestimmung in Absatz 1 Bericht.	(3) L-Istati Membri għandhom jippreżentaw rapport lill-Kummissjoni sa mhux aktar tard minn tmiem ir-raba' sena wara li tiġi adottata din id-direttiva u wara dan, kull ***sentejn*** wara l-implimentazzjoni tad-dispożizzjoni fil-Paragrafu 1.

Ġustifikazzjoni

Perjodu iqsar għall-preżentazzjoni tar-rapport minħabba żviluppi tekonoloġiċi u ekonomiċi dinamiċi.

Emenda 53
ARTIKOLU 1 PUNT 6
Artikolu 3 f Paragrafu 4 (Direttiva 89/552/KEE)

(4) Auf der Grundlage der von den Mitgliedstaaten übermittelten Informationen erstattet die Kommission dem Europäischen Parlament und dem Rat über die Anwendung von Absatz 1 Bericht und trägt dabei der Markt- und Technologieentwicklung Rechnung.	(4) Fuq il-bażi ta' l-informazzjoni pprovduta mill-Istati Membri ***u fi studju indipendenti, il-***Kummissjoni għandha tirrapporta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-applikazzjoni ta' Paragrafu 1 u tikkunsidra b'hekk l-iżviluppi fis-suq u fit-teknoloġija ***u l-objettiv tad-diversità kulturali***.

Ġustifikazzjoni

Studju indipendenti għandu janalizza wkoll l-informazzjoni mill-perspettiva Ewropea sħiħa u, bl-istess mod bħall-Istati Membri, jikkunsidra l-iżvilupp fis-suq u fit-teknoloġija u l-objettiv ta' diversità kulturali.

Emenda 54
ARTIKOLU 1 PUNT 6
Artikolu 3 g c subparagrafu i (Direttiva 89/552/KEE)

(i) ***Diskriminierungen nach Rasse, Geschlecht oder Nationalität*** enthalten***;***	(i) jinkludu ***diskriminazzjoni għal raġunijiet ta' sess, razza, oriġini etnika, reliġjon jew twemmin, diżabilità, età jew orjentament sesswali jew kull ksur ieħor tad-dinjità tal-bniedem.***

Ġustifikazzjoni

Twessigħ tad-dispożizzjonijiet kontra d-diskriminazzjoni skond l-Artikolu 21 tal-Karta dwar id-Drittijiet Fundamentali ta' l-Unjoni Ewropea.

Emenda 55
ARTIKOLU 1 PUNT 6
Artikolu 3 h Paragrafu 1 (Direttiva 89/552/KEE)

1. Audiovisual media services that are	1. Servizzi ***jew programmi*** tal-midja

sponsored ***or that contain product placement*** shall meet the following requirements:	awdjoviżivi li huma sponsorjati għandhom jissodisfaw ir-rekwiżiti li ġejjin:

Ġustifikazzjoni

Fl-abbozz tal-Kummissjoni l-isponsorizzazzjoni u l-pjazzament tal-prodott kienu regolati flimkien fl-Artikolu 3h. Dan mhuwiex xieraq fl-opinjoni tar-rapporteur, għaliex fil-każ ta' l-isponsorizzazzjoni s-separazzjoni bejn ir-reklamar u l-kontenut editorjali tibqa' tinżamm. Fil-każ tal-pjazzament tal-prodott, mill-banda l-oħra, din is-separazzjoni bażika titneħħa. L-Artikolu 3 h fil-forma mibdula tiegħu jinkludi biss għalhekk id-dispożizzjonijiet dwar l-isponsorizzazzjoni. L-Artikolu ġdid 3 i (ġdid) jinkludi d-dispożizzjonijiet dwar il-pjazzament tal-prodott.

Emenda 56
ARTIKOLU 1 PUNT 6
Artikolu 3h paragrafu1 1 a (Direttiva 89/552/KEE)

(a) ***the scheduling, where appropriate, and the content of such audiovisual media services*** may in no circumstances be influenced in such a way as to affect the responsibility and editorial independence of the media service provider;	(a) ***il-kontenut tagħhom u, fil-każ tax-xandir televiżiv, l-iskedar tagħhom, ma*** jistgħu taħt l-ebda ċirkustanza jiġu influwenzati b'tali mod li jaffettwa r-responsabilità u l-indipendenza editorjali tal-fornitur tas-servizz tal-midja;

Ġustifikazzjoni

xxx

Emenda 57
ARTIKOLU 1 PUNT 6
Artikolu 3h paragrafu1 1 c (Direttiva 89/552/KEE)

(c) viewers must be clearly informed of the existence of a sponsorship agreement***and/or the existence of product placement.*** Sponsored programmes must be clearly identified as such by the name, logo and/or any other symbol of the sponsor such as a reference to its product(s) or service(s) or a distinctive sign thereof in a appropriate way for programmes at the beginning, ***during*** and/or the end of the programmes. ***Programmi li jkollhom it-tqegħid tal-***	(c) It-telespettaturi għandhom ikunu infurmati b'mod ċar dwar ftehima ta' sponorjar. Programmi sponsorjati għandhom ikunu identifikati tali b'mod ċar permezz ta' l-isem, logo u/jew kwalunkwe simbolu ieħor ta' l-isponsor pereżempju b'referenza għall-prodott/i jew servizz/i tiegħu jew b'sinjal distint tiegħu b'mod xieraq skond il-programm, fil-bidu, waqt u/jew fl-aħħar tal-programmi.

prodotti jridu jiġu identifikati b'mod xieraq fil-bidu tal-programm sabiex tiġi evitata kwalunkwe konfużjoni fuq il-parti tat-telespettaturi.	

Ġustifikazzjoni

Ir-riferenza għall-isponsorizzazzjoni għandha tkun possibbli biss fil-bidu u/jew fit-tmiem tal-programm, sabiex il-pjazzament tar-reklamar ikun limitat.

Emenda 58
ARTIKOLU 1 PUNT 6
Artikolu 3 h Paragrafu 2 (Direttiva 89/552/KEE)

2. Servizzi ta' midji awdjoviżivi m'għandhomx ikunu sponsorjati permezz ta' intrapriżi li l-attività prinċipali tagħhom hija l-manifattura jew il-bejgħ ta' sigaretti jew prodotti oħra tat-tabakk. ***Further, audiovisual media services must not contain placement of tobacco products or cigarettes or product placement from undertakings whose principal activity is the manufacture or sale of cigarettes and other tobacco products.***	2. Servizzi ***jew programmi*** tal-midja awdjoviżivi m'għandhomx ikunu sponsorjati permezz ta' intrapriżi li l-attività prinċipali tagħhom hija l-manifattura jew il-bejgħ ta' sigaretti jew prodotti oħra tat-tabakk.

Ġustifikazzjoni

xxx

Emenda 59
ARTIKOLU 1 PUNT 6
Artikolu 3 h Paragrafu 3 (Direttiva 89/552/KEE)

3. The sponsorship of audiovisual media services by undertakings whose activities include the manufacture or sale of medicinal products and medical treatment may promote the name or the image of the undertaking but may not promote specific medicinal products or medical treatments available only on prescription in the Member State within whose jurisdiction the media service provider falls.	3. L-isponsorjar ta' servizzi ***jew programmi*** tal-midja awdjoviżivi minn intrapriżi li l-attivitajiet tagħhom jinkludu l-manifattura jew il-bejgħ ta' prodotti mediċi jew trattament mediku jista' jippromwovi l-isem jew l-immaġini ta' l-intrapriża iżda ma jistax jippromwovi prodotti mediċi speċifiċi jew trattament mediku li jkun disponibbli biss b'riċetta fl-Istat Membru li l-fornitur tas-servizz tal-midja jaqa' fil-ġuriżdizzjoni tiegħu.

Ġustifikazzjoni

xxx

Emenda 60
ARTIKOLU 1 PUNT 6
Artikolu 3 h Paragrafu 4 (Direttiva 89/552/KEE)

4. News and current affairs shall not be sponsored***and not contain product placement. Audiovisual media services for children and documentaries may not contain product placement***.	4. Aħbarijiet u ***programmi dwar*** ġrajjiet kurrenti m'għandhomx jiġu sponorjati

Ġustifikazzjoni

xxx

Emenda 61
ARTIKOLU 1 PUNT 6
Artikolu 3i (ġdid) 1 (Direttiva 89/552/KEE)

	1. L-integrazzjoni tal-prodott u l-pjazzament tematiku huma pprojbiti bħala prinċipju. Il-pjazzament tal-prodott huwa pprojbit minbarra fi programmi ta' finzjoni u ta' l-isport.
	Fejn programmi jkun fihom pjazzament tal-prodott. dawn għandhom jissodisfaw dawn ir-rekwiżiti:
	(a) il-kontenut tagħhom u, fil-każ tax-xandir televiżiv, l-iskedar tagħhom, ma jistgħu taħt l-ebda ċirkustanza jiġu influwenzati b'tali mod li jaffettwa r-responsabilità u l-indipendenza editorjali tal-fornitur tas-servizz tal-midja;
	(b) dawn m'għandhomx jinkuraġġixxu b'mod dirett ix-xiri jew il-kiri ta' oġġetti jew servizzi, b'mod partikolari billi jsiru referenzi promozzjonali speċjali għal dawk l-oġġetti jew servizzi, jew billi jingħataw prominenza mhux xierqa;
	(c) it-telespettaturi għandhom ikunu infurmati b'mod ċar dwar programmi li

jkun fihom pjazzament tal-prodott, li għandu jkun identifikat fil-bidu u fit-tmiem tal-programm u b'sinjal għallinqas kull għoxrin minuta waqt il-programm sabiex tiġi evitata kull konfużjoni minnaħa tat-telespettatur.

2. Il-programmi m'għandux ikun fihom pjazzament ta' prodotti tat-tabakk minn intrapriżi li l-attività prinċipali tagħhom hija l-manifattura jew il-bejgħ ta' sigaretti jew ta' prodotti oħra tat-tabakk.

3. Aħbarijiet u programmi dwar grajjiet kurrenti, programmi għat-tfal, dokumentarji u programmi reliġjużi m'għandux ikun fihom pjazzament tal-prodott.

Ġustifikazzjoni

Il-pjazzament tal-prodott tneħħi s-separazzjoni bejn il-kontenut editorjali u r-reklamar u tista' tixxandar biss għal formati magħżula u b'informazzjoni addizzjonali relattiva għat-telespettaturi.

Emenda 62
ARTIKOLU 1 PUNT 6
Artikolu 3 j (ġdid) (Direttiva 89/552/KEE)

L-użu ta' għajnuniet għall-produzzjoni fis-servizzi tal-midja awdjoviżivi għandu jissodisfa l-kundizzjonijiet li ġejjin:
a) M'għandux ikun marbut ma limitazzjoni fil-libertà ta' preżentazzjoni ġurnalistika jew artistika.
(b) Fejn tkun neċessarja, għall-użu ta' l-għajuniet tal-produzzjoni, it-tismija jew il-preżentazzjoni ta' prodotti, servizzi, ismijiet, simboli ta' prodotii jew attivitajiet ta' produttur ta' oġġetti jew ta' fornitur ta' servizz, dan għandu jsir mingħajr enfasi partikolari.
c) M'għandu jingħata l-ebda ħlas jew kumpens simili għall-preżentazzjoni.
d) L-ispettatur għandu jkun infurmat dwar l-użu ta' għajnuniet għall-produzzjoni. Ir-regoli preċiżi, inklużi limitu minimu, għandhom jiġu

determinati mill-Istati Membri

Ġustifikazzjoni

L-artikolu jiddefinixxi l-kriterji li jippermettu l-għajnuniet għall-produzzjoni, li s'issa kienu definiti b'mod differenti fl-Istati Membri jew ma kienu definiti xejn. Huwa jiżgura li t-telespettaturi jkunu informati dwar l-għajnuniet għall-produzzjoni, madanakollu jħalli r-regoli preċiżi dwar id-deskrizzjoni u determinazzjoni ta' limitu minimu f'idejn l-Istati Membri għall-implimentazzjoni, skond il-prinċipju tas-sussidjarjetà.

Emenda 63
ARTIKOLU 1 PUNT 6
Artikolu 3 k Paragrafu 1 (ġdid) (Direttiva 89/552/KEE)

1. L-Istati Membri għandhom jieħdu miżuri xierqa biex jiżguraw gradwalment li s-servizzi tal-midja awdjoviżivi li jaqgħu fil-ġuriżdizzjoni tagħhom ikunu aċċessibbli mingħajr limiti għall-persuni b'diżabilità .

Ġustifikazzjoni

L-aċċessibilità tas-servizzi tal-midja awdjoviżivi hija komponent importanti tal-mod regolari kif jiffunzjona s-suq intern, għaliex persuni b'diżabilità u/jew anzjani, li għalihom il-kwistjoni ta' l-aċċessibilità hija ta' importanza determinanti, jiffurmaw parti essenzjali mill-konsumaturi ta' servizzi awdjoviżivi.

Emenda 64
ARTIKOLU 1 PUNT 6
Artikolu 3 k Paragrafu 2 (ġdid) (Direttiva 89/552/KEE)

2. L-Istati Membri jgħaddu lill-Kummissjoni rapport kull sentejn dwar l-implimentazzjoni ta' dan l-Artikolu. Dan ir-rapport jinkludi partikolarment statistika dwar il-progress li ntlaħaq fir-rigward ta' l-aċċessibilità fis-sens tal-Paragrafu 1, ir-raġunijiet fil-każ li ma jkunx sar progress u l-miżuri li ttieħdu jew li ġew applikati biex il-progress jintlaħaq.

Ġustifikazzjoni

Skond l-Istitut għar-Riċerka dwar is-Smigħ aktar minn 81 miljun Ewropew jgħixu b'difett fis-smigħ. Barra minn hekk jeżistu aktar minn 30 miljun ruħ għomja jew b'diżabilità fil-vista. Studji wrew li numru enormi ta' persuni b'diżabilità u/jew anzjani jsegwu t-televiżjoni. Dan jirrappreżenta suq li wieħed għandu jipprovdi għalih. L-obbligu li servizzi tal-midja awdjoviżi jkunu aċċessibbli joħloq mingħajr dubju kompetizzjoni produttiva bejn il-forniturі ta' servizzi u jgħin biex jittejjeb il-funzjonament tas-suq intern.

Emenda 65
ARTIKOLU 1 PARAGRAFU 7 PUNT A A (ĠDID)
Artikolu 6 Paragrafu 1 (Direttiva 89/552/KEE)

	aa) Fil-Paragrafu 1 jiżdied is-subparagrafu d li ġej:
	"d) L-istati Membri għandhom jikkunsidraw it-tliet kriterji li ġejjin fid-definizzjoni tal-kunċett "produttur indipendenti". Id-drittijiet ta' propjetà tad-ditta produttriċi, in-numru ta' programmi li jiġu pprovduti lill-istess xandar u l-propjetà ta' drittijiet sekondarji.

Ġustifikazzjoni

Sabiex ix-xogħlijiet ta' produtturi indipendenti jiġu ġġudikati b'mod realistiku, it-tqassim tad-drittijiet tal-propjetà u tax-xandir huwa ta' importanza partikolari.

Emenda 66
ARTIKOLU 1 PUNT 9
Artikolu 10 Paragrafu 2 (Direttiva 89/552/KEE)

2. Einzeln gesendete Werbespots und Teleshopping-Spots ***müssen, außer*** in Sportprogrammen, ***die Ausnahme bilden***.“	2. Riklami mxandra individwalment u riklami tat-teleshopping ***huma permessi*** fi programmi ta' l-isport, ***iżda xorta jaqgħu fil-leġiżlazzjoni ta' l-Istati Membri.***

Ġustifikazzjoni

Il-ftuħ tal-possibilitajiet ta' reklamar għat-televiżjoni li tinqabad mingħajr ħlas huwa neċessarju b'urġenza.

Emenda 67

ARTIKOLU 1 PUNT 10
Artikolu 11 Paragrafu 2 (Direttiva 89/552/KEE)

2. Die Übertragung von Fernsehfilmen (mit Ausnahme von Serien, Reihen, leichten Unterhaltungssendungen und Dokumentarfilmen), Kinospielfilmen, Kinderprogrammen und Nachrichtensendungen darf für jeden Zeitraum von ***35*** Minuten einmal für Werbung und/oder Teleshopping unterbrochen werden. Programmi reliġjużi ma jistgħux jiġu interrotti b'reklamar jew teleshopping.	2. Ix-xandir ta' films tat-televiżjoni (bl-eċċezzjoni ta' programmi trażmessi f'serje, programmi f'sensiela, programmi ta' tratteniment ħafif u dokumentarji), films taċ-ċinema, programmi għat-tfal u programmi ta' aħbarijiet jistgħu jiġu interrotti għar-reklamar u/jew teleshopping darba għal kull tul ta' trażmissjoni ta' ***30*** minuta. Programmi reliġjużi ma jistgħux jiġu interrotti b'reklamar jew teleshopping.

Ġustifikazzjoni

Bilanċ aħjar għall-protezzjoni ta' programmi partikolari u/jew għall-prospettiva tar-riżultati għax-xogħlijiet awdjoviżivi.

Emenda 68
ARTIKOLU 1 PUNT 17
Artikolu 20 (Direttiva 89/552/KEE)

Unbeschadet des Artikels 3 können die Mitgliedstaaten für ***Sendungen***, die ausschließlich für ihr eigenes Hoheitsgebiet bestimmt sind und weder unmittelbar noch mittelbar in einem oder mehreren anderen Mitgliedstaaten öffentlich empfangen werden können ***sowie in Bezug auf Fernsehveranstalter, die keinen bedeutenden Zuschaueranteil erreichen,*** unter Einhaltung des Gemeinschaftsrechts andere als die in Artikel 11 Absatz 2 und Artikel 18 festgelegten Bedingungen vorsehen.“	Mingħajr ħsara għall-Artikolu 3, l-Istati Membri jistgħu jistipulaw kundizzjonijiet oħra apparti dawk fl-Artikolu 11(2) u l-Artikolu 1 ***għall-programmi televiżivi*** li huma esklussivament intenzjonati għall-ispazju li jaqa' fil-ġuriżdizzjoni tagħhom stess u ma jistgħu jinqabdu mill-pubbliku la direttament u lanqas indirettament fi Stat Membru jew f'bosta Stati Membri, filwaqt li jiġu rispettati l-liġijiet tal-Komunità, .

Ġustifikazzjoni

Biex tkun iggarantita ċ-ċertezza legali, il-kunċett "programmi" għandu jiġi sostitwit minn "programmi televiżivi", u r-riferiment għall-operaturi televiżivi, li ma jkollhom l-ebda parti importanti fin-numru ta' telespettaturi, għandu jitneħħa.

Emenda 69

ARTIKOLU 1, PUNT 17.000000 a (ġdid)
Artikolu 22 Paragrafu 1 (Direttiva 89/552/KEE)

17.000000a. L-Artikolu 22 Paragrafu 1 huwa mibdul kif ġej:

„1. L-Istati Membri għandhom jieħdu miżuri xierqa, sabiex jiżguraw li trażmissjonijiet ta' fornituri ta' servizzi tal-midja, li jaqgħu fil-leġiżlazzjoni tagħhom, ma jkun fihom l-ebda tip ta' programm, li jeffettwa ħażin l-iżvilupp fiżiku, mentali u morali ta' persuni taħt l-età b'mod serju, b'mod partikolari dawk li jxandru l-pornografija jew atti vjolenti mingħajr raġuni."

Ġustifikazzjoni

Kjarifikazzjoni fis-sens tal-kamp ta' applikazzjoni tad-direttiva.

Emenda 70
ARTIKOLU 1, PUNT 18 a (ġdid)
Artikolu 23 (Direttiva 89/552/KEE)

18a. L-Artikolu 23 huwa mibdul kif ġej:

"L-Artikolu 23

1. Mingħajr ħsara għad-dispożizzjonijiet l-oħra adottati mill-Istati Membri dwar il-liġi ċivili, amministrattiva jew kriminali, kull persuna naturali jew ġuridika, li d-drittijiet legali tagħha jintlaqtu ħażin - b'mod partikolari l-unur u r-rispett - minħabba l-attribuzzjoni ta' informazzjoni falza f'servizz tal-midja awdjoviżiv, tkun xi tkun in-nazzjonalità tagħha, għandha d-dritt għar-risposta jew tista' tilob għal rimedju bl-istess effetti. L-Istati Membri għandhom jaraw li t-twettiq tad-dritt għar-risposta jew għal rimedju bl-istess effetti ma jkunx imxekkel mill-impożizzjoni ta' dispożizzjonijiet jew kundizzjonijiet inaċċettabbli. Ir-risposta għandha tiġi trażmessa fi żmien raġjonevoli wara li tkun saret it-talba

ġġustifikata, f'mument u b'tali mod li tkun xierqa għat-trażmissjoni li għaliha ikun sar l-ilment.
2. Id-dritt għar-risposta jew għal rimedju bl-istess effett jgħodd għall-forniturikollha tas-servizzi tal-midja, li jaqgħu fil-ġuriżdizzjoni ta' l-Istat Membru.
3. L-Istati Membri għandhom jadottaw il-miżuri neċessarji biex jiġi stabbilit dan id-dritt jew jiġu stabbiliti r-rimedji u għandhom jiddeterminaw il-proċeduri għalih. B'mod partikolari għandhom jaraw li jkun hemm żmien biżżejjed biex jitwettaq dan id-dritt jew il-miżuri bl-istess effett u li r-regolamenti jkunu stabbiliti b'mod li dan id-dritt jew dawn il-miżuri bl-istess effett ikunu jistgħu jitwettqu b'mod xieraq mill-persuni naturali jew ġuridiċi, li jkunu jgħixu jew stabbiliti fi Stat Membru ieħor.
4. It-talba għar-risposta jew għal miżuri bl-istess effett tista' tiġi miċħuda, jekk ir-rekwiżiti msemmija fil-paragrafu 1 għal risposta bħal din ma jkunux jeżistu, jekk ir-risposta tinkludi azzjoni punibbli, jekk it-trażmissjoni tagħha tirrendi lill-fornitur ta' servizz tal-midja punibbli skond il-liġi ċivili jew jekk tmur kontra l-morali pubblika.
5. Fi kwistjonijiet legali dwar it-twettiq tad-dritt għar-risposta jew għal miżuri bl-istess effett, ir-reviżjoni ġuridika għandha tkun possibbli."

Ġustifikazzjoni

Bit-twessigħ tal-kamp ta' applikazzjoni tad-direttiva, id-dritt għar-risposta għandu jinkludi anki s-servizzi mhux lineari, għaliex id-dritt għar-risposta huwa bbażat fuq il-prinċipju ta' ugwaljanza fl-armi, prinċipju li dejjem qed jikber fl-importanza minħabba t-tixrid ta' informazzjoni permezz ta' servizzi mhux lineari wkoll. Fl-Artikolu 23, għalhekk, il-kunċett ta' operatur televiżiv ġie sempliċiment sostitwit mill-kunċett ta' fornitur ta' servizz tal-midja.

Emenda 71
ARTIKOLU 1 PUNT 20
Artikolu 23b Paragrafu 1 (Direttiva 89/552/KEE)

1. Die Mitgliedstaaten gewährleisten die	1. L-Istati Membri għandhom jiggarantixxu

Unabhängigkeit der nationalen ***Regulierungsbehörden*** und sorgen dafür, dass diese ihre Befugnisse unparteiisch und transparent ausüben.	***skond il-liġi nazzjonali*** l-indipendenza ta' ***l-uffiċċji regolatorji*** nazzjonali u jiżguraw li dawn jeżerċitaw l-awtorità tagħhom b'mod imparzjali u trasparenti.

Ġustifikazzjoni

Kjarifikazzjoni, li din l-emenda tirreferi għall-uffiċċji regolatorji skond il-liġi nazzjonali.

Emenda 72
ARTIKOLU 1 PUNT 20
Artikolu 23b Paragrafu 2 (Direttiva 89/552/KEE)

2. Die nationalen ***Regulierungsbehörden*** übermitteln sich gegenseitig und der Kommission alle Informationen, die für die Anwendung der Bestimmungen dieser Richtlinie notwendig sind.	2. ***L-uffiċċji regolatorji*** nazzjonali għandhom jipprovdu lil xulxin u lill-Kummissjoni l-informazzjoni kollha li hija neċessarja għall-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet ta' din id-direttiva. ***L-uffiċċji regolatorji nazzjonali għandhom isaħħu l-koperazzjoni tagħhom fuq kollox biex isolvu l-problemi skond l-Artikolu 2(7) tad-direttiva.***

Ġustifikazzjoni

Il-prinċipju tal-pajjiż ta' oriġini jista' jkun iggarantit permezz ta' koperazzjoni aħjar bejn l-organi regolatorji nazzjonali, fuq kollox anki fi problemi bilaterali.

Emenda 73
ARTIKOLU 1 PUNT 22
Artikolu 26 (Direttiva 89/552/KEE)

Spätestens am [ ] und anschließend alle zwei Jahre übermittelt die Kommission dem Europäischen Parlament, dem Rat und dem Wirtschafts- und Sozialausschuss einen Bericht über die Anwendung dieser Richtlinie in ihrer geänderten Fassung und macht erforderlichenfalls Vorschläge zu ihrer Anpassung an die Entwicklungen im Bereich der audiovisuellen Mediendiensten, und zwar insbesondere im Lichte neuerer technologischer Entwicklungen und der Wettbewerbsfähigkeit dieses Sektors	Sa mhux aktar tard minn [ ], u wara dan, kull sentejn, il-Kummissjoni għandha tgħaddi lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-Kunsill Ekonomiku u Soċjali rapport dwar l-implimentazzjoni ta' din id-direttiva fil-forma emendata tagħha, ***inklużi r-rapporti skond l-Artikolu 3f(3) u l-Artikolu 3k(2)***, u, jekk ikun neċessarju, tagħmel il-proposti tagħha dwar l-adattament tad-direttiva għall-iżviluppi fil-qasam tas-servizzi tal-midja awdjoviżivi fid-dawl ta' l-iżviluppi teknoloġiċi ġodda u l-kompetittività ta' dan is-settur.

Ġustifikazzjoni

Ġabra aktar effiċjenti ta' l-obbligi dwar ir-rapporti varji.

NOTA SPEGATTIVA

Sommarju tal-proposti tal-Kummissjoni

L-għan tar-reviżjoni tad-Direttiva ta' l-UE "Televiżjoni mingħajr Fruntieri", li kienet ta' suċċess, huwa li jinħolqu l-aħjar kundizzjonijiet għall-iżvilupp tas-servizzi tal-midja awjoviżivi eżitenti u ġodda fl-Ewropa.

Il-proposta tal-Kummissjoni COM (2005)646 tat-13.12.05 hija indirizzata lejn il-prinċipji bażiċi tad-direttiva fis-seħħ, il-prinċipju tal-pajjiż ta' oriġini u l-armonizzazzjoni ta' l-istandards minimi, u taġġornahom b'mod teknoloġikament newtrali għad-direttiva dwar is-servizzi tal-midja awdjoviżivi. Ir-raġunijiet essenzjali għall-bżonn ta' reviżjoni tad-direttiva huma l-bidliet teknoloġiċi, għaliex

1. id-direttiva dwar it-televiżjoni tgħodd biss għat-trażmissjoni bis-sistema analoga, filwaqt li l-bidla totali tat-trażmissjoni televiżiva għal teknoloġija diġitali fl-UE għandha tkun kompluta sa l-2010.

2. dan l-iżvilupp teknoloġiku, bħal pereżempju, l-internet "rapid broadband" jew il-konnessjonijiet tal-mobajl tat-tielet ġenerazzjoni, jagħmlu possibbli servizzi tal-midja ġodda simili għal dawk tat-televiżjoni u bħala konsegwenza bosta mudelli ġodda ta' negozju. Dawn is-servizzi awdjoviżivi ġodda huma, bħas-servizzi televiżivi, kemm oġġetti kulturali kif ukoll kummerċjali. Huma suġġetti, fir-rigward tal-liġi ekonomika, għar-regoli Ewropej, iżda fil-qasam kulturali jaqgħu taħt il-liġi ta' l-Istati Membri.

Sabiex id-dispożizzjonijiet ta' l-UE dwar it-teknoloġiji ġodda jitwessgħu, il-proposta tal-Kummissjoni tiddistingwi bejn servizzi "lineari", jiġifieri trażmissjonijiet li jsiru permezz tat-televiżjoni tradizzjonali, l-internet u n-netwerks tal-mobajl, li jipprovdu lit-telespettaturi kontenut skond pjan ta' programmi fiss u "servizzi mhux lineari", jiġifieri, servizzi simili għal dawk televiżivi, fejn it-telespettatur stess jista' jitlob għalihom minn fuq in-netwerk.

Fil-każ tas-servizzi lineari d-dispożizzjonijiet fis-seħħ għandhom jibqgħu validi, għalkemm f'forma aktar moderna u flessibbli. Għas-servizzi mhux lineari, mill-banda l-oħra, regoli minimi bażiċi għandhom jiġu stabbiliti, pereżempju, għall-ħarsien tal-minuri, kontra t-tixwix għall-mibegħda kontra r-razza, u l-prevenzjoni tar-reklamar bil-moħbi. Permezz ta' dawn ir-regoli komuni, anki l-fornituri ta' servizzi tal-midja awdjoviżivi ġodda fil-futur għandhom ikunu suġġetti biss għad-dispożizzjonijiet ta' l-Istati Membri, fejn ikunu stabbiliti, u mhux iktar għal-leġiżlazzjonijiet diversi tal-midja ta' l-Istati Membri kollha, fejn is-servizzi tagħhom jinqabdu.
B'dan il-mod id-direttiva dwar is-servizzi tal-midja awdjoviżivi toħloq il-kundizzjonijiet biex is-suq intern jiġi realizzat flimkien mal-prinċipju tal-pajjiż ta' oriġini, li huwa tant importanti

għat-tkabbir ekonomiku u għall-postijiet tax-xogħol, u fl-istess ħin jagħmel ġustizzja ma' l-aspett kulturali.

Evalwazzjoni tar-rapporteur

Fid-dawl tal-bidliet fit-teknoloġija tat-televiżjoni, il-Parlament ilu għal bosta snin jitlob għar-reviżjoni tad-direttiva "Televiżjoni mingħajr Fruntieri". Ir-rapporteur għalekk tilqa' b'sodisfazzjon il-proposta tal-Kummissjoni, peress li hija tippreżenta bażi tajba għar-reviżjoni tad-direttiva. Ċerti punti partikolari, madanakollu, jeħtieġu kjarifikazzjoni. Fost dawn hemm il-kamp ta' applikazzjoni, id-definizzjoni ta' koregolazzjoni u awtoregolazzjoni, ir-regolamenti kwantitattivi tar-reklamar, il-pjazzament propost u d-dritt għar-rappurtar fil-qosor.

Il-kamp ta' applikazzjoni

Id-definizzjoni tal-kamp ta' applikazzjoni u għalhekk id-demarkazzjoni bejn is-servizzi awdjoviżivi ġenerali u s-servizzi **tal-midja** awdjoviżivi hija ta' importanza ċentrali għad-direttiva. Il-Kummissjoni pproponiet li s-servizzi awdjoviżivi, sabiex ikollhom il-karatteristiċi partikolari ta' servizz tal-midja, għandhom jissodisfaw dawn is-sitt kriterji:

- servizz kif inhu definit fl-Artikolu 49 u l-Artikolu 50 tat-Trattat KE,
- li l-għan prinċipali tiegħu huwa
- it-trażmissjoni ta' stampi jiċċaqalqu, bil-ħoss jew mingħajr ħoss
- l-informazzjoni, it-tratteniment jew l-edukazzjoni
- għall-pubbliku ġenerali
- permezz ta' netwerks ta' komunikazzjoni elettroniċi.

Għal aktar kjarifikazzjoni r-rapporteur tipproponi li f'din id-definizzjoni jiżdied il-kriterju tar-"resposabilità editorjali" u l-kunċett ta' "programm", kif diġà ġara band'oħra fl-abbozz tad-direttiva tal-Kummissjoni. Din iż-żieda tagħmilha ċara li d-direttiva tkopri biss is-servizzi tal-midja awdjoviżivi fejn fornitur tas-servizzi tal-midja professjonali huwa risponabbli għall-forma editorjali u l-kumpilazzjoni finali ta' programm għat-trażmissjoni skond skeda fissa ta' programmi jew fuq talba minn katalogu. Is-servizzi fejn il-parti awdjoviżiva mhijiex l-għan prinċipali tal-forniment tas-servizz, u s-servizzi li jikkonsistu biss fit-trażmissjoni teknika tal-kontenut għandhom jiġu eskluži mill-kamp ta' applikazzjoni, għal skopijiet ta' kjarifikazzjoni.

Il-koregolazzjoni u l-awtoregolazzjoni

Huwa ta' sodisfazzjon kbir li għall-ewwel darba l-Kummissjoni, b'din il-proposta qegħda tirrakkomanda lill-Istati Membri, fl-implimentazzjoni ta' direttiva, strumenti ta' koregolazzjoni u awtoregolazzjoni. Permezz ta' l-emendi ta' dan ir-rapport għandu jiġi ċċarat li l-leġiżlatur nazzjonali relattiv stess għandu jiddeċiedi taħt liema kundizzjonijiet l-istrumenti ta' koregolazzjoni u awtoregolazzjoni għandhom jiġu applikati f'livell nazzjonali, kif għandhom jiġu fformulati l-organi kkonċernati u x'inhuma l-possibilitajiet ta' sanzjonijiet li għandhom jiġu imposti mil-leġiżlatur fil-każ ta' nuqqasijiet fid-dmirijiet ta' l-uffiċċji ta' awtoregolazzjoni.

Regolamenti kwantitattivi tar-reklamar

Ir-regolamenti proposti mill-Kummissjoni dwar il-flessibilità tar-reklamar kwantitattiv huma korretti iżda għandhom jiġu mwessgħin, sabiex iżommu indaqs il-possibilitajiet ekonomiċi bejn it-televiżjoni li tinqabad mingħajr ħlas u s-servizzi mhux lineari simili għat-televiżjoni li jsiru fuq talba, u li mhumiex suġġetti għar-regolamenti ta' reklamar kwantitattiv, anki fl-interess ta' l-utent fil-futur.
Ir-rapporteur għalhekk tipproponi wkoll li r-regola dwar l-imblukkar ta' reklamar tinfetaħ, iżda li tkun fid-diskrezzjoni ta' l-Istati Membri.

Imblukkar ta' emerġenza għall-protezzjoni ta' minuri

Kif inhi diġà s-sitwazzjoni fil-każ tat-televiżjoni, anki fis-servizzi simili għat-televiżjoni l-Istati Membri għandu jkollhom il-possibilità ta' mblukkar urġenti fil-każ ta' vjolazzjoni estrema tal-ħarsien ta' minuri. Għal dan ir-rigward, ir-rapporteur tipproponi l-proċedura skond l-Artikolu 3(5) tad-Direttiva 2000/31 KE, li diġà ġiet ippruvata b'suċċess.

L-isponsorizzazzjoni - il-pjazzament tal-prodott – l-integrazzjoni tal-prodott - l-għajnuniet għall-produzzjoni

Il-Parlament qed jikkunsidra l-proposta ta' legalizzazzjoni tal-pjazzament tal-prodott min-naħa tal-Kummissjoni b'mod kritiku, peress li permezz ta' dan l-istrument is-separazzjoni bi prinċipju bejn ir-reklamar u l-kontenut editorjali titneħħa. Il-konsegwenza hija li jikber it-telf ta' indipendenza editorjali u l-integrità tal-kontenut editorjali.

Ir-rapporteur taqbel perfettament ma' din il-pożizzjoni u għalhekk tipproponi separazzjoni bejn l-isponsorizzazzjoni, fejn is-separazzjoni bejn il-kontenut u reklamar tinżamm, u l-pjazzament tal-prodott. Il-Kummissjoni ġabret flimkien l-istrumenti ta' reklamar f'artikolu wieħed.

Barra minn hekk, il-forom differenti fejn, kuntrarju għall-isponsorizzazzjoni, ir-rabta bejn ir-reklamar u l-programm hija possibbli, għandhom jiġu definiti u delimitati aħjar. L-integrazzjoni tal-prodott, fejn il-kontenut ikun orjentat skond ir-reklamar, għandha tibqa' pprojbita. Il-pjazzament tat-tema, fejn mhux il-prodotti iżda t-temi jiġu integrati fil-programm bħala reklamar, għandu jibqa' pprojbit. Il-pjazzament tal-prodott għandu jibqa' pprojbit bħala prinċipju, skond il-proposta tar-rapporteur, u jkun biss permess fejn verament, kif jiġri fil-films taċ-ċinema u tat-televiżjoni, teżisti kompetizzjoni bejn produtturi mill-Istati Uniti u produtturi Ewropej, kif ukoll fl-isport.

Għall-pjazzament tal-prodott, hekk kif ġie delimitat, għandhom jiġu applikati regoli aktar iebsa milli propost mill-Kummissjoni. Dan jinkludi informazzjoni dettaljata fil-bidu u fit-tmiem ta' trażmissjoni u għall-inqas senjalazzjoni ta' kull 20 minuta waqt il-programm, biex tinġibed l-attenzjoni ta' l-utent dwar il-pjazzament tal-prodott.

Proposta ġdida mir-rapporteur hija l-possibilità ta' għajnuniet għall-produzzjoni fil-forma ta' prodotti jew servizzi. Dawn l-għajnuniet għall-produzzjoni permessi m'għandhomx isiru bi

ħlas, kuntrarjament għall-pjazzament tal-prodott, u japplikaw biss skond il-bżonnijiet editorjali.

Id-dritt għar-rappurtar fil-qosor - id-dritt għar-risposta - tneħħija tal-barrieri għall-aċċess

Biex tissaħħaħ il-libertà ta' l-informazzjoni għaċ-ċittadini ta' l-UE, ir-rapporteur qed tipproponi li

- id-dritt għar-rappurtar m'għandux ikun biss għażla iżda jkun iggarantit fl-Istati Membri kollha skond il-liġi nazzjonali,
- id-dritt għar-risposta m'għandux ikun limitat għat-televiżjoni tradizzjonali iżda għandu jintuża anki fis-servizzi ġodda tal-midja,
- l-aċċess mingħajr restrizzjonijiet għas-servizzi tal-midja awdjoviżivi għall-persuni b'diżabilità għandu jkun iggarantit gradwalment.

Il-promozzjoni ta' kontenut Ewropew u ta' produtturi indipendenti

Is-servizzi tal-midja awdjoviżivi ġodda għandhom potenzjal kbir f'dik li hija trażmissjoni ta' kontenut Ewropew. Ir-rapporteur tippreżenta possibilitajiet konkreti dwar kif l-Istati Membri jistgħu jippromwovu dan l-iżvilupp, anki għall-vantaġġ ta' produtturi indipendenti, mingħajr ma jiġu effettwati ħażin mudelli ġodda ta' negozju.

Uffiċċji regolatorji nazzjonali

Fl-opinjoni tar-rapporteur, koperazzjoni akbar bejn l-uffiċċji regolatorji nazzjonali għandha twassal aktar faċilment għas-soluzzjoni ta' problemi bilaterali bejn l-Istati Membri biex jiġi żgurat il-prinċipju tal-pajjiż li jittrażmetti u l-istandards minimi armonizzati minn din id-direttiva, sabiex ikun żgurat is-suċċess tad-direttiva riveduta.